# LINJI GWIDA TAL-AECC 2023-2027

Verżjoni 1.0

*Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA)*

*Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali*

**Maħruġa minn:** Unità C1.1 FAEG – Skemi IACS

**Validita:** Snin Kalendarji 2023-2027

## Werrej


**INFORMAZZJONI TA' SFOND** 3
Introduzzjoni 3
Bażi Legali 4
**PARTI I – Responsabbiltajiet ta' Kull Awtorità** 4
Suġġetti Involuti fil-pagament tal-għajnuna 4
Il-fluss maniġerjali u responsabbiltajiet relattivi għas-sottomissjoni ta' Talbiet 6
PARTI II – Għajnuna Relatata mal-Interventi tal-AECCs 7
Introduzzjoni 7
Definizzjonijiet 8
AECC 1 – Integrazzjoni u żamma tal-ispeċi awtoktoni Maltin 12
AECC 1a – Integrazzjoni u żamma tat-Tiġieġa Sewda Maltija 12
AECC 1a – Kriterji tal-Eliġibbiltà 12
AECC 1a – Impenji 12
AECC 1a – Appoġġ 12
AECC 1b – Integrazzjoni u żamma tal-Gendus Malti 13
AECC 1b– Kriterji tal-Eliġibbiltà 13
AECC 1b – Impenji 13
AECC 1b – Appoġġ 13
AECC 1c – Konservazzjoni ta' speċi indiġeni inklużi siġar tal-Ħarrub, taċ-Ċawsli u Tut 14
AECC 1c– Kriterji tal-Eliġibbiltà 14
AECC 1c – Impenji 14
AECC 1c – Appoġġ 14
AECC 2 - Miżura għaż-żamma tas-siġar (Appoġġ għaż-żamma ta' speċi tas-siġar rakkomandati mħawlin ġodda) 15
AECC 2– Kriterji tal-Eliġibbiltà 15
AECC 2 – Impenji 15
AECC 2 – Appoġġ 15
AECC 3 – Impenji ambjentali biex jiġi kkontrollat il-ħaxix ħażin fi msaġar tal-frott u vinji permezz ta' metodi mekkaniċi minflok metodi kimiċi 16
AECC 3– Kriterji tal-Eliġibbiltà 16
AECC 3 – Impenji 16
AECC 3 – Appoġġ 17
AECC 4 – Introduzzjoni ta' kaxxi għan-naħal fl-azjendi 18
AECC 4– Kriterji tal-Eliġibbiltà 18
AECC 4 – Impenji 18
AECC 4 – Appoġġ 19
AECC 5 – Implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni u konservazzjoni tal-ħamrija fl-għelieqi 20
AECC 5 – Kriterji tal-Eliġibbiltà 21
AECC 5 – Impenji 22
AECC 5 – Appoġġ 22
AECC 6 – Skema għat-Trattament Xieraq tal-Flieles tas-Simna 23
AECC 6– Kriterji tal-Eliġibbiltà 23
AECC 6 – Impenji 24
AECC 6 – Appoġġ 24
AECC 7 – Biedja Organika 25
AECC 7a – Appoġġ waqt il-Konverżjoni lejn Biedja Organika 25
AECC 7a – Kriterji tal-Eliġibbiltà 25
AECC 7a – Impenji 26
AECC 7a – Appoġġ 26
AECC 7b – Appoġġ waqt iż-Żamma għal Biedja Organika 27

AECC 7b– Kriterji tal-Eliġibbiltà 27
AECC 7b – Impenji 27
AECC 7b – Appoġġ 28
PARTI III – Il-Proċeduri Operazzjonali 30
Proċeduri Ġenerali għall-applikazzjoni għall-għajnuna 30
Sottomissjoni ta’ applikazzjonijiet għall-għajnuna għal talbiet għal pagament u sottomissjoni tardiva 30
Verifika tad-dokumentazzjoni ta’ sostenn mill-uffiċċji responsabbli għall-awtorizzazzjoni 30
Verifiki Amministrattivi tal-applikazzjonijiet 30
Emendi/Rtirar tal-applikazzjonijiet 31
Kontrolli 32
Kalkolu tal-Pagamenti 32
Stabbiliment taż-Żona għall-pagament 32
Kalkolu tal-bhejjem għall-pagamenti 32
Kalkolu tal-għajnuna Pieni 33
Sottomissjoni Tardiva għal Talbiet għal Pagament 34
Nuqqas ta’ Dikjarazzjoni ta’ art agrikola 34
Kalkolu ta’ eżiti relatati mal-erja 34
Kalkolu ta’ eżiti tad-dikjarazzjoni tal-bhejjem 34
Kalkolu ta’ penalitajiet tal-lista tal-verifiki 35
Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità għal dik is-Sena tat-Talba 35
Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità li jaffettwaw is-snin ta’ talbiet preċedenti 36
Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità soċjali 36
Każijiet fejn l-ebda penali ma għandha tiġi imposta 36
Ġestjoni ta’ impenji pluriennali 37
Rkupru ta’ pagamenti mhux dovuti bl-imgħax 40
Anness 2 – Rekord tat-Tilqim: Tiġieġa Sewda Maltija (Mudell) 41
Anness IV – Rekord tal-Applikazzjoni tal-Fertilizzanti (Mudell) 46
Anness V: Pjan tal-moviment ta’ kaxxi għan-naħal 47
Anness VI – Rekords tal-Kaxxi għan-Naħal (Mudell) 48

# INFORMAZZJONI TA’ SFOND

## INTRODUZZJONI

L-iskop ta' dawn il-Linji Gwida huwa biex tiġi ddefinita l-implimentazzjoni tal-Impenji Ambjentali, Klimatiċi u Ġestjonali oħrajn (AECCs) u ser jinkludu struzzjonijiet dwar l-impenji u d-dispożizzjonijiet applikabbli u l-penalitajiet applikabbli taħt l-interventi AECC differenti.

Dawn il-Linji Gwida ser ikunu riveduti u aġġornati kontinwament sabiex ikunu konformi bis-sħiħ mar-Regolamenti tal-UE u dokumenti ta' gwida rilevanti maħruġa mill-Kummissjoni.

L-ARPA ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe danni relatati ma' bidliet li ser jitwettqu fil-Pjan Strateġiku tal-PAK.

## Bażi Legali

- Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew i tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.
- Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.
- Regolament ta' Implimentazzjoni Tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173 tal-31 ta' Mejju 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-Politika Agrikola Komuni
- Regolament Delegat Tal-Kummissjoni (UE) 2022/1172 tal-4 ta' Mejju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tassistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll fil-politika agrikola komuni u l-applikazzjoni u l-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-kundizzjonalità
- L-atti ta' implimentazzjoni/delegati l-oħrajn kollha maħruġa permezz tal-awtorizzazzjonijiet tal-atti leġiżlattivi msemmija hawn fuq.
- Pjan Strateġiku tal-PAK għal Malta

# PARTI I – Responsabbiltajiet ta' Kull Awtorità

## Suġġetti Involuti fil-Pagament tal-Għajnuna

Il-ġestjoni tal-pagamenti fil-miżuri relatati mal-qasam tbassar l-involviment tas-suġġetti istituzzjonalizzati li ġejjin:

- **Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali** (MAFA): Kif maħtur fil-Pjan Strateġiku tal-PAK, il-MAFA għandu jkun responsabbli għall-programm nazzjonali rigward l-AECCs.
- **L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) tal-MAFA**: għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-AECCs. Barra minn hekk, l-ARPA għandha tkun il-korp responsabbli għall-ġestjoni tad-*data* integrata kollha fis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS - Integrated Administration and Control System) b'relazzjoni mal-għajnuna (ġabra u żamma ta' *data* relatata mal-artijiet) u l-ġestjoni ta' impenji pluriennali.
- **L-Awtorità ta' Ġestjoni (MA - Managing Authority) fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet:** għandha tkun responsabbli għall-FAEŻR.

**Id-diviżjonijiet ta' hawn taħt fi ħdan l-ARPA ser ikunu responsabbli għall-kompiti li ġejjin:**

- **L-Awtorità ta' Ġestjoni (MA):** ser tkun responsabbli għall-monitoraġġ ta' dawn l-interventi
- **Unità A1 Il-Front Office:** ser tirċievi u tipproċessa t-talbiet kollha, twettaq il-verifiki amministrattivi inizjali u tinteraġixxi direttament mal-klijenti fejn tiżgura li l-applikazzjonijiet sottomessi u d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti huma tajbin u kompleti.
- **Unità C1** Skemi IACS ta' Awtorizzazzjoni: ser tkun responsabbli għall-kuntrattar tal-applikanti li ser ikunu l-benefiċjarji ta' dan l-intervent u l-koordinazzjoni tal-iskemi u l-awtorizzazzjoni tal-pagamenti taħt l-interventi tal-AECCs.
- **Unità C3.1 L-Unità ta' Kontroll (Kontrolli IACS u mhux IACS):** ser tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll għal AECCs, twettaq verifiki fuq il-post/telerilevament/monitoraġġ (kif applikabbli) u tirreġistra r-riżultati ta' dawn il-kontrolli fis-sistema ta' kontroll fuq is-SITIAgri.
- **Unità C3.2 It-tim tas-Sistema ta' Identifikazzjoni tal-għelieqi (LPIS):** ser tkun responsabbli għall-ġestjoni u ż-żamma tad-*data* ġeografika kollha meħtieġa fi ħdan l-LPIS.
- **Unità C4 L-Unità tal-Pagamenti:** ser tkun responsabbli għall-eżekuzzjoni tal-pagament wara l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti u l-monitoraġġ tal-previżjonijiet baġitarji tal-iskema fis-Sistema tal-Amministrazzjoni u l-Informazzjoni ta' Pagamenti (PAMS - *Payments Administration and Information System*).
- **Unità C5 L-Unità tal-Kontabilità:** ser tkun responsabbli għat-twassil u l-koordinazzjoni tal-oqsma X/I biex jintużaw fil-fajls tal-pagamenti, għall-ġestjoni tad-dejn u r-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet fil-kotba tal-Kontabilità tal-ARPA u r-rapportar tar-rapporti ta' rutina dwar l-infiq.
- **Id-Direttorat tar-Regolamentazzjoni Veterinarja (VRD):** ser ikun l-awtorità responsabbli għaż-żamma u l-aġġornament tal-Bażi tad-*Data* Nazzjonali tal-Bhejjem (NLD), konformi mar-regoli kollha tal-Unjoni relatati mas-settur tal-Bhejjem u l-Avviżi Legali Nazzjonali.

L-ARPA tirriserva d-dritt li tiddelega parti mill-attivitajiet tagħha lil korpi oħrajn abbażi tal-Memorandum ta' Ftehim/Ftehimiet ta' Kooperazzjoni.

## Il-fluss maniġerjali u responsabbiltajiet relattivi għas-sottomissjoni ta' Talbiet

Kull sena l-ARPA tiftaħ perjodi ta' żmien qosra biex il-bdiewa jkun jistgħu jissottometu kwalunkwe bidla fl-azjenda tagħhom li ser tirrifletti fuq l-applikazzjoni għal AECCs. Kull sena l-applikazzjoni ser tkun ibbażata fuq is-sena preċedenti, għaldaqstant f'każ ta' bidliet, il-bdiewa jridu jinfurmaw lill-ARPA biex taġġorna l-LPIS (Sistema ta' Identifikazzjoni tal- għelieqi tal-Art) biex jiġu evitati penalitajiet mhux neċessarji. Matul dawn il-perjodi, il-bdiewa jistgħu wkoll jesprimu l-interess tagħhom biex japplikaw għal interventi speċjali; l-Arpa tiddetermina jekk tali bdiewa jkunux eliġibbli biex jibbenefikaw mill-interventi indikati u tiżgura li jkunu riflessi fl-applikazzjonijiet mimlijin minn qabel.

## PARTI II – GĦAJNUNA RELATATA MAL-INTERVENTI TAL-AECCS

### INTRODUZZJONI

Dan l-intervent għandu l-mira li jagħti appoġġ lil bdiewa u benefiċjarji oħrajn li, fuq bażi volontarja, jintrabtu b'impenji ta' ġestjoni bbażati fuq l-art li huma ta' benefiċċju biex jinkisbu l-miri stabbiliti fir-Regolament tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, li ser jiffoka fuq it-territorju sħiħ ta' Malta.

Dan l-intervent ser jappoġġja l-interventi li ġejjin:

- AECC 1: Integrazzjoni u żamma tal-ispeċi awtoktoni Maltin
-
    - AECC 1A - It-Tiġieġa Sewda Maltija
    - AECC 1B - Il-Gendus Malti
    - AECC 1C - Siġar tal-Ħarrub u ċ-Ċawsli (kemm bojod u suwed)

- Impenji ta' ġestjoni Bbażati fuq l-Art
    - AECC 2: Żamma tas-siġar
    - AECC 3: Kontroll ta' ħaxix ħażin fl-imsaġar tal-frott u l-vinji
    - AECC 4: Introduzzjoni ta' kaxxi għan-naħal fl-azjendi
    - AECC 5: Implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni u konservazzjoni tal-ħamrija fuq l-għelieqi

- Skemi għat-Trattament Xieraq tal-Annimali
    - AECC 6: Skema għat-Trattament Xieraq tal-Annimali

- Skema għall-Biedja Organika
    - AECC 7: Konverżjoni ta' Biedja Organika u Żamma tal-Biedja Organika

## Definizzjonijiet

Id-definizzjonijiet ipprovduti fil-Pjan Strateġiku tal-PAK japplika f'dan id-dokument intier fi ħdan it-tifsiriet pprovduti fih.

## Dispożizzjonijiet Ġenerali li japplikaw għall-Interventi kollha

- Bdiewa eliġibbli jridu jkunu rreġistrati fil-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS u fir-Reġistru tan-Nitrati kif miżmum mid-Direttorat tal-Agrikoltura;
- L-għelieqi kklejmjati kollha għandhom jinstabu fuq is-sit b'mod mhux ambigwu u permezz ta' immaġnijiet tas-satellita u jkunu rreġistrati mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) – l-Aġenzija tal-Pagamenti – meta ssir l-applikazzjoni;
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjenda tagħhom. Dawn ikunu soġġetti għal verifiki u kontrolli mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti inkluż il-Korp taċ-Ċertifikazzjoni (IAID) u l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA);
- L-individwi kollha għall-appoġġ taħt il-Miżura 10.1 huma soġġetti għal kontrolli mill-Unità ta' Kontroll tal-ARPA u l-Korp taċ-Ċertifikazzjoni (IAID). Meta japplikaw għall-appoġġ, huma awtomatikament obbligati li jagħtu aċċess lill-uffiċjali ta' kontroll mingħajr avviż minn qabel;
- L-impenji ser ikunu għal perjodu ta' ħames (5) snin. Dawn l-impenji jistgħu jiġu estiża annwalment wara t-tmiem tal-perjodu inizjali, fid-diskrezzjoni tal-Awtorità ta' Ġestjoni. L-applikant huwa meħtieġ jissottometti talba ta' applikazzjoni annwali f'kull sena tal-impenn, sakemm l-impenn jitwettaq.
- L-impenji taħt l-AECCs idumu għal ħames snin. Jekk matul dan il-perjodu ta' impenn, għalqa li fuqha tkun qed tiġi implimentata miżura, tkun ittrasferita lil persuna oħra, hemm żewġ għażliet possibbli:
- Il-persuna li ser tieħu l- għalqa twiegħed li tkompli bl-impenn għall-kumplament tal-perjodu (għandha ssir valutazzjoni adegwata mill-bidwi l-ġdid biex jiżgura li l-objettiv tal-miżura jkun xorta jista' jinkiseb). F'liema każ, huwa ser jirċievi/hija ser tirċievi l-appoġġ marbut mal-miżura għas-snin li jkun fadallu, JEW:
- Jekk il-persuna li ser tieħu l-għalqa ma tixtieqx tkompli bl-impenn, il-benefiċjarju (il-persuna li qed tittrasferixxi l-għalqa) ser ikollu jħallas lura l-assistenza mogħtija fuq dik l-għalqa. Ir-rimborż ikun biss fuq l-għalqa li ġiet ittrasferita (u għaldaqstant l-għalqa ittrasferita fejn l-obbligu mhux ser jinżamm aktar) u mhux fuq l-impenn sħiħ.
- F'każ ta' trasferiment ta' azjendi (jew parti minnhom) wara l-ewwel sena ta' impenn, l-obbligi relatati mal-AECC iridu jinżammu. F'każ li l-għalqa tiġi ttrasferita fi kwalunkwe stadju matul l-impenn ta' ħames snin, iċ-ċessjonarju jrid jibqa' konformi għall-kumplament tal-perjodu ta' żmien mal-impenji tal-AECC applikabbli kif spjegat hawn fuq. L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali tirriżerva d-dritt li tirrifjuta t-trasferiment tal-impenn (impenji). Il-fondi ser jiġu rkuprati f'każ ta' ksur miċ-ċessjonarju, li jkun aċċetta l-impenji mat-trasferiment. Iċ-ċessjonarju ser ikun meħtieġ jirritorna l-fondi għal-għalqa li tkun ġiet ittrasferita

mid-data tal-bidu, jiġifieri inklużi l-fondi ta' dik l-għalqa li jkunu ngħataw lill-maniġer(s) tal-art preċedenti.

- F'każijiet fejn il-bidwi ma jistax iżomm l-impenn fuq għalqa speċifika waħda jew aktar għad-durata sħiħa tal-perjodu ta' 5 snin, il-bidwi ser ikollu l-għażla li jneħħi l- għelieqi imsemmija mill-impenn tiegħu sakemm jinżamm l-impenn ta' tal-inqas tomna waħda (kriterji tal-eliġibbiltà) tal-art agrikola. Minbarra li jitħallsu lura l-pagamenti kollha riċevuti fuq dik l-għalqa speċifika matul l-impenn, l-ebda penali addizzjonali ma tapplika sakemm il-bidwi jiddikjara t-tneħħija ta' tali għelieqi tal-art mal-front office billi jissottometti Talba ta' Forza Maġġuri qabel ma jwaqqaf l-obbligi tal-impenn u l-MA jew l-ARPA ma jsibu ebda oġġezzjoni li jitneħħa tali impenn.

- F'każ li l-benefiċjarju huwa mejjet, l-impenn jista' jitwaqqaf mingħajr ma jkun meħtieġ l-ebda rkupru jew il-bidwi l-ġdid li qed jieħu l-għalqa jista' jagħżel li jkompli l-kumplament tal-impenn.
- F'każ ta' trasferiment tal-impenji, it-taħriġ/konsulenza jkunu meħtieġa li jitwettqu mill-benefiċjarju biss jekk it-taħriġ/konsulenza ma kinux twettqu mill-benefiċjarju oriġinali. F'tali każijiet il-benefiċjarju li qed jieħu l-impenn ser ikollu tliet snin biex iwettaq it-taħriġ/konsulenza mid-data tat-talba tat-trasferiment jew qabel it-tmiem tal-impenn skont liema jiġi l-ewwel. Jekk il-benefiċjarju l-ġdid diġà ħa sehem f'taħriġ li jkopri l-istess AECC jew irċieva konsulenza, mela huwa ma jkollu l-ebda obbligu li jsegwi taħriġ jew konsulenza ġdida. Fil-każ ta' konsulenza, jekk il-bidwi jkun diġà ddispona minn konsulenza taħt dan il-perjodu ta' programmazzjoni, mela l-bidwi mhux meħtieġ jerġa' jirċievi l-konsulenza.

- Il-benefiċjarji ser ikunu meħtieġa jattendu modulu ta' taħriġ rilevanti għal dan l-intervent. Il-korsijiet għandhom jitlestew sat-tmiem tat-tielet sena mill-aċċettazzjoni fl-iskema. Tintalab prova tal-attendenza mas-sottomissjoni tat-tiġdid annwali tal-impenn tal-applikant. It-taħriġ ser ikun ipprovdut bla ħlas. L-Aġenzija tal-Pagamenti tirriżerva d-dritt li tissospendi l-pagament sakemm jiġi sottomess iċ-ċertifikat tal-kors (wara dan, il-pagamenti jistgħu jiġu attivati b'mod retrospettiv);

- Il-benefiċjarji huma obbligati li jitolbu konsulenza għat-twettiq adegwat tal-impenji u l-obbligi kollha. Il-korsijiet għandhom jitlestew sat-tmiem tat-tielet sena mill-aċċettazzjoni fl-iskema. Filwaqt li tkun ippreferuta, tali konsulenza mhux neċessarjament trid tingħata minn Sistema Konsultattiva għall-Azjendi Agrikoli rikonoxxuta. L-Awtorità ta' Ġestjoni għandha tavża dwar it-tip ta' konsulenza aċċettabbli taħt din il-miżura. Ser tintalab prova tas-servizz riċevut. L-Aġenzija tal-Pagamenti tirriżerva d-dritt li tissospendi l-pagament sakemm tiġi sottomessa prova tas-servizz (wara dan, il-pagamenti jistgħu jiġu attivati b'mod retrospettiv).

- It-taħriġ/konsulenza jeħtieġu li jitlestew mill-benefiċjarju tal-AECC. F'każ ta' bdiewa fiżiċi, dan ikun il-bidwi li ser iwettaq l-impenn. F'każ ta' bdiewa legali peress li l-benefiċjarju huwa l-kumpanija, il-persuna tal-kuntatt (kif elenkata fil-

profil IACS) tkun obbligata tattendi t-taħriġ/konsulenza jew taħtar persuna adatta biex tattendi minflokha.

- F'każ li titwettaq it-talba għat-trasferiment tal-impenn, il-benefiċjarju l-ġdid ser jerfa' l-obbligu tat-taħriġ/konsulenza, irrispettivament minn jekk iċ-ċedent ikunx lesta t-taħriġ/konsulenza.
- Il-kejl 0.1124 ha/tomna waħda u 1124m² jintużaw b'mod interkambjabbli f'dawn il-linji gwida (tomna waħda hija ekwivalenti għal 1124m²)
- L-impenn huwa bbażat fuq l-għalqa.
- L-AECCs iridu jiġu implimentati fil-forma ta' perjodu ta' impenn ta' ħames snin. L-applikant huwa obbligat jissottometti talba ta' applikazzjoni annwali f'kull sena tal-impenn, sakemm l-impenn ta' ħames snin jitwettaq;
- Il-bdiewa jridu jiżguraw li l-art tissodisfa ż-żamma agrikola minima annwali kif definita fil-Pjan Strateġiku tal-PAK;
- Il-bdiewa jridu josservaw ir-regoli bażi tal-Kundizzjonalità;
- F'każ ta' trasferiment ta' azjendi/ għelieqi /(jew parti minnhom) wara l-ewwel sena ta' impenn, l-obbligi relatati mas-sottomiżura jridu jinżammu. F'każ li azjenda tiġi ttrasferita fi kwalunkwe stadju matul l-impenn ta' ħames snin, iċ-ċessjonarju jrid jibqa' konformi għall-kumplament tal-perjodu ta' żmien mal-impenji tal-miżura. L-ARPA tirriżerva d-dritt li tirrifjuta t-trasferiment tal-impenn (impenji). Il-fondi ser jiġu rkuprati f'każ ta' ksur miċ-ċessjonarju, li jkun aċċetta l-impenji mat-trasferiment. Iċ-ċessjonarju ser ikun meħtieġ jirritorna l-fondi mħallsa għall-impenn mid-data oriġinali tal-kuntratt tal-Miżura (mhux it-trasferiment tal-art). Qed kif jiġu ttrasferiti l-azjendi/ għelieqi, iċ-ċessjonarju jrid jiffirma dikjarazzjoni fejn jaċċetta r-responsabbiltà għall-impenji għad-durata sħiħa tagħhom inkluż il-perjodu qabel ma ġew ittrasferiti l-azjendi/ għelieqi;
- Il-linja bażi ta' 0.1124 ha li tikkostitwixxi l-azjenda kollha trid tiġi osservata matul id-durata tal-kuntratt;
- Il-bdiewa li japplikaw għal dawn l-interventi ma jkunux limitati milli japplikaw għal miżuri oħrajn taħt il-Pjan Strateġiku tal-PAK. L-applikanti li bbenefikaw mill-miżuri preċedenti offruti fil-Pjan tal-Iżvilupp Rurali (2014-2022) jistgħu japplikaw ukoll. Madankollu, jekk l-għelieqi tagħhom għadhom taħt impenn preċedenti, it-talba tagħhom ser tiġi rrifjutata.
- Il-benefiċjarji ma jistgħux japplikaw għal kombinament ta' AECCs fi ħdan l-istess għalqa.
- AECC 4 jista' jiġi kkombinat ma' kwalunkwe AECC ieħor. Appoġġ taħt AECC 4 huwa permess għal għelieqi li huma wkoll marbuta ma' kwalunkwe mill-AECCs oħrajn; f'każijiet fejn dak li jrabbi n-naħal li jimplimenta l-AECC 4 u l-bidwi li jimplimenta AECC ieħor mhumiex l-istess persuna (għaldaqstant żewġ benefiċjarji separati). Ir-rati ta' appoġġ stabbiliti ser jibqgħu l-istess għaż-żewġ benefiċjarji tal-AECCs rispettivi.
- L- għelieqi li huma impenjati taħt Ekoskema, xorta tista' ssir applikazzjoni għalihom taħt wieħed mill-AECCs elenkati f'dawn il-linji gwida hekk kif ġej:

AECC 1a &b - Mhuwiex relatat maż-żona

AECC 1c - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 2 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 3 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 4 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 5 - Ma jistax jiġi kkombinat mal-ebda mill-Ekoskemi ħlief mal-Ekoskema 3

AECC 6 - Mhuwiex relatat maż-żona

AECC 7 - Jista’ jiġi kkombinat ma’ kwalunkwe mill-Ekoskemi

## Interventi tal-AECC – Dispożizzjonijiet speċifiċi

### AECC 1 – Integrazzjoni u żamma tal-ispeċi awtoktoni Maltin

Dan l-intervent ser jiffoka fuq il-konservazzjoni tal-bijodiversità ta' Malta u ser ikun konsistenti mal-prijoritajiet tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali ta' Malta għall-Bijodiversità. Dan l-intervent ser ikollu impatt pożittiv fuq il-bijodiversità, fejn itejjeb il-kampanja u jippromwovi prattiki li jaħdmu f'armonija mal-ekosistemi uniċi tagħna. L-appoġġ jista' jinkludi l-konservazzjoni ta' speċi indiġeni bħas-siġar tal-Ħarrub u ċ-Ċawsli li ser jgħin lill-bdiewa jżommu dawn is-siġar f'kundizzjoni tajba. Jista' jiġi pprovdut investiment addizzjonali għall-integrazzjoni u ż-żamma ta' speċi awtoktoni Maltin bħat-Tiġieġa Sewda Maltija u l-Gendus Malti.

### AECC 1a – Integrazzjoni u żamma tat-Tiġieġa Sewda Maltija

### AECC 1a – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- It-Tiġieġ Iswed Malti kollu jeħtieġ li jkun iċċertifikat bħala tali (razza) mill-individwi kompetenti li huma identifikati bħala tali mill-awtorità kompetenti
- Ikollhom minimu ta' 30 ras (0.315 LU) ta' Tiġieġ Iswed Malti sabiex ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Dan il-minimu (30) irid jinżamm matul il-perjodu tal-kuntratt;
- Il-bdiewa ser ikunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għas-sottomiżura u anke dawk rilevanti għall-obbligi tal-Kundizzjonalità. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-ispetturi tal-ARPA meta ssir spezzjoni.

### AECC 1a – Impenji

- Il-benefiċjarji ser ikunu meħtieġa jiżguraw li t-Tiġieġ Iswed Malti kollu jkollhom anell (jew microchip) fejn jintużaw anelli/microchips xierqa (skont l-istruzzjonijiet tal-Awtorità Kompetenti) li ma jistgħux jiġu mbagħbsin;
- Kull tajra individwali jrid ikollha ċertifikat tal-akkreditazzjoni iffirmat li jindika b'mod ċar in-numru ta' identifikazzjoni fuq l-anell tat-tajra. Alternattivament, ċertifikati li jkun fihom gruppi ta' tjur li jkunu elenkati individwalment fiċ-ċertifikat jistgħu jiġu aċċettati wkoll;
- L-applikanti huma meħtieġa jimlew il-formola tal-bhejjem (mudell) taħt l-Anness I tal-Linji Gwida. Għall-finijiet ta' verifika, kull ras individwali jrid ikollha ċertifikat ta' akkreditazzjoni ffirmat li jindika b'mod ċar in-numru ta' identifikazzjoni fuq l-anell tat-tajra. L-akkreditazzjoni trid tkun ibbażata fuq karatteristiċi stabbiliti tar-razza kif stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti;
- It-tjur kollha li għalihom l-applikant qed japplika għall-għajnuna jrid ikollhom stabbilit ukoll programm ta' tilqim. Għal dan l-iskop, il-bidwi huwa meħtieġ jimla l-formola tat-tilqim taħt l-Anness II u jaġġornaha kif xieraq;
- F'każ ta' mwiet ta' kwalunkwe mit-tiġieġ, il-benefiċjarju jrid jissottometti talba ta' Forza Maġġuri mal-ARPA fi żmien 15-il jum minn meta jseħħ l-avveniment

### AECC 1a – Appoġġ

**Rata tal-appoġġ:** € 25.01/ras/sena.

## AECC 1B – INTEGRAZZJONI U ŻAMMA TAL-GENDUS MALTI

## AECC 1B– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

- Dawk li jrabbu l-bhejjem li jirreġistraw għal appoġġ taħt dan l-AECM iridu jipprovdu akkreditazzjoni u ċertifikazzjoni tar-razza (li jattestaw li l-purità tal-Gendus Malti hija tal-inqas 98.87 %) għal kull unità ta' bhima, skont id-dokumentazzjoni uffiċjali maħruġa minn tali awtorità kompetenti hekk kif tista' tiġi stabbilita mil-liġi jew mill-Ministeru responsabbli;
- Applikabbli għal dawk li jrabbu l-bhejjem li huma rreġistrati mad-Diviżjoni tar-Regolamentazzjoni Alimentari u Veterinarja;
- Ir-raħħala ser ikunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għas-sottomiżura u anke dawk rilevanti għall-obbligi tal-Kundizzjonalità. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-ispetturi tal-ARPA meta ssir spezzjoni.

## AECC 1B – IMPENJI

- Iridu jrabbu l-Gendus Malti - il-ktieb tal-merħla jrid jinżamm aġġornat

## AECC 1B – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** € 1,936.27 għal kull unità ta' bhima (ekwivalenti għal Gendus Malti wieħed).

## AECC 1C – KONSERVAZZJONI TA' SPEĊI INDIĠENI INKLUŻI SIĠAR TAL-ĦARRUB, TAĊ-ĊAWSLI U TUT

## AECC 1C– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

- Siġar tal-Ħarrub, taċ-Ċawsli u tat-tut li jinsabu fuq is-sit;
- Is-siġar iridu jkunu fuq l-art agrikola eliġibbli (kif stipulat taħt it-Taqsima 4 ta' dan id-dokument);
- Sabiex japplika għall-għajnuna, bidwi jrid ikollu minimu ta' 0.1124 ettari ta' art agrikola. Kwalunkwe għalqa li tinstab li hija inqas minn 0.04 ettari tal-art eliġibbli ma tkunx eliġibbli għall-pagament. Art eliġibbli tfisser kwalunkwe erja agrikola li tittieħed minn raba' li tinħadem jew għelejjel permanenti.
- L- għelieqi li ma fihom l-ebda siġra xorta jistgħu jiġu inklużi taħt dan l-AECC sabiex tintlaħaq l-erja eliġibbli ta' tomna waħda kif ukoll biex ikun jista' jinżied l-għadd ta' siġar eliġibbli taħt dan l-AECC. Pereżempju; bidwi għandu għalqa ta' tomna waħda li fiha 18-il siġra eliġibbli, il-bidwi jista' jirċievi biss għajnuna għal 2 siġriet, madankollu huwa jista' jagħżel li jżid għalqa oħra ta' 8 tmien biex jikseb erja totali ta' ettaru wieħed u b'hekk ikun jista' jinkludi t-18-il siġra kollha anke jekk it-tieni għalqa ma jkun fiha l-ebda siġra eliġibbli.
- Erja agrikola impenjata teħtieġ li tinżamm konformi mal-attività agrikola minima annwali;

## AECC 1C – IMPENJI

- Il-benefiċjarju huwa obbligat li jimplimenta azzjonijiet ta' żamma speċifiċi rilevanti għall-ispeċi tas-siġar u jiżgura li s-siġra tinżamm fi stat tajjeb;
- Il-benefiċjarju ser ikun meħtieġ iżomm rekords rilevanti għall-AECC u anke dawk rilevanti għall-obbligi tal-Kundizzjonalità. Ir-rekords għandhom ikunu disponibbli għal spezzjoni.

## AECC 1C – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** Ir-rata tal-appoġġ għall-konservazzjoni tas-siġar tal-ħarrub, tut u ċ-ċawsli ser tkun ta' €44.49 għal kull siġra kull sena sa massimu ta' 18-il siġra għal kull ettaru (li tammonta għal massimu ta' €800.82 għal kull ettaru).

## AECC 2 - Miżura għaż-żamma tas-siġar (Appoġġ għaż-żamma ta' speċi tas-siġar rakkomandati mħawlin ġodda)

## AECC 2– Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Sabiex japplika għall-għajnuna, bidwi jrid ikollu minimu ta' 1124 $m^2$ ta' art agrikola. Kwalunkwe għalqa li tinstab li hija inqas minn 0.04 ettari ma tkunx eliġibbli.
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjendi tagħhom u dawn għandhom ikunu disponibbli fuq talba waqt kwalunkwe spezzjoni uffiċjali;
- Il-bdiewa jridu jkunu rreġistrati fir-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS;
- Il-bdiewa jridu jiddikjaraw it-tip u l-post tas-siġar imħawlin
- Is-siġar iridu jitħawlu fuq art agrikola eliġibbli, is-siġar eliġibbli huma dawk kif elenkati fl-Anness III

## AECC 2 – Impenji

- L-introduzzjoni ta' siġar imħawlin ġodda trid titwettaq skont il-Linji Gwida tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA);
- Il-bdiewa huma obbligati li jżommu rekord rilevanti għas-siġar preżenti fl-għalqa u dan ikun disponibbli għall-ispetturi waqt Verifiki fuq il-Post;
- Iridu jwettqu ġestjoni xierqa tal-qċaċet (canopy management): Din il-prattika hija applikabbli skont is-siġra li qed tiġi mantnuta;
- Iridu jwettqu żbir tal-produzzjoni xieraq: Din il-prattika hija applikabbli skont is-siġra li qed tiġi mantnuta;
- Iridu jwettqu żbir tat-taħfif xieraq: Din il-prattika hija applikabbli skont is-siġra li qed tiġi mantnuta;
- Kontroll ta' pesti u razzjonalizzazzjoni ta' trattamenti b'fertilizzanti u pestiċidi: Huwa biss fil-każ ta' infestazzjoni ta' pesti jew nuqqas evidenti tas-saħħa ġenerali tas-siġra li l-bidwi jkun meħtieġ li jindirizza kwalunkwe infestazzjoni/defiċjenza permezz ta' prattiki responsabbli b'pestiċidi u fertilizzanti.
- Fil-każ li siġra mħawla tmut fi kwalunkwe punt matul l-impenn ta' 5 snin, il-bdiewa huwa obbligat li jibdilha bi spejjeż għalih.

## AECC 2 – Appoġġ

€44.49/siġra/sena sa massimu ta' 18-il siġra għal kull ettaru (li tammonta għal massimu ta' €800.82 għal kull ettaru.

## AECC 3 – IMPENJI AMBJENTALI BIEX JIĠI KKONTROLLAT IL-ĦAXIX ĦAŻIN FI MSAĠAR TAL-FROTT U VINJI PERMEZZ TA' METODI MEKKANIĊI MINFLOK METODI KIMIĊI

L-objettiv ta' din il-miżura hija biex il-bdiewa jingħataw l-inċentiv li jikkontrollaw il-ħaxix selvaġġ li jikber fil-vinji u l-imsaġar tal-frott bejn il-15 ta' Ottubru u t-28 ta' Frar, permezz ta' metodi mekkaniċi. Il-miżura tobbliga lill-bdiewa biex jużaw magna għall-qtugħ tal-ħaxix/mower biex jikkontrollaw il-ħaxix selvaġġ li jikber fil-vinji u l-imsaġar tal-frott matul l-istaġun tax-xitwa.

Din il-miżura tippromwovi l-bijodiversità u tappoġġja l-flora u l-fawna lokali. Il-bdiewa jkunu qed jipprovdu wkoll żona ta' foraġġ temporanja għan-naħal li twassal għal żieda potenzjali fil-popolazzjoni tad-dakkara li hija komponent essenzjali għas-sistemi agrikoli Maltin u elementali għat-titjib tad-diversità tal-ħajja tal-annimali u l-pjanti tagħha. Din il-miżura ser tgħin fil-prevenzjoni tal-erożjoni tal-ħamrija u skular. Dan jinkiseb billi l-ħaxix ħażin jaġixxi bħala għalla ta' kopertura matul ix-xhur tax-xitwa, meta tinżel l-aktar xita. L-erożjoni sseħħ l-aktar malajr f'żoni fejn ma hemm l-ebda kopertura tal-ħamrija. Il-ħaxix ħażin, li jikber b'mod naturali fil-vinji u l-imsaġar tal-frott, jista' jnaqqas l-impatt tal-qtar tax-xita li inkella kieku jaqilgħu l-partikoli tal-ħamrija u dawn isiru suxxettibbli għall-erożjoni. Barra dan, l-iskular tal-wiċċ ikun aktar gradwali bil-kopertura, u dan jippermetti infiltrazzjoni mtejba tat-tira.

## AECC 3– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

- Sabiex japplika għall-għajnuna, bidwi jrid ikollu minimu ta' 0.1124 ettari (tomna waħda) ta' għelejjel permanenti (siġar tal-frott/siġar taż-żebbuġ/vinji). Kwalunkwe poligonu fl- għelieqi li jinstabu li huma inqas minn 0.04 ettari tal-imsaġar tal-frott u  l-vinji ma jkunx eliġibbli għall-pagament;
- Poligoni li jmissu ma' xulxin jistgħu jitgħaddu flimkien

## AECC 3 – IMPENJI

- Il-pagament jista' jingħata biss fuq erja agrikola li ġiet miżmuma skont l-attività agrikola minima annwali.
- Il-bdiewa jridu josservaw ir-Rekwiżiti tal-Kundizzjonalità bażi li jinkludu r-rekwiżiti tal-ġestjoni statutorji u l-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (KAAT);
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjenda tagħhom u dawn għandhom ikunu disponibbli fuq talba waqt kwalunkwe spezzjoni uffiċjali.
- Bejn il-15 ta' Ottubru sat-28 ta' Frar, il-ħaxix ħażin jista' jiġi kkontrollat biss permezz ta' mower/magna li taqta' l-ħaxix. Il-ħaxix ħażin li jitneħħa matul dan il-perjodu jista' jinżamm bħala mulch;
- L-użu ta' erbiċidi huwa pprojbit matul is-sena bl-eċċezzjoni ta' erbiċida speċifika li tintuża għan-niġem bejn il-15 ta' Ġunju u l-15 ta' Awwissu.
- Fertilizzant ibbażat fuq in-nitroġenu jrid jinqasam f'minimu ta' 2 applikazzjonijiet separati – tista' ssib mudell tar-rekord tal-Applikazzjoni tal-Fertilizzant taħt l-Anness IV;

- Fil-każ li l-bdiewa ma jżommux il-ħaxix ħażin bħala mulch (imneħħi bejn il-15 ta' Ottubru u t-28 ta' Marzu), dawn ikunu meħtieġa jikkoltivaw kultivazzjoni assoċjata bejn il-vinji u s-siġar tal-frott, pjanti li jirregolaw in-nitroġenu parti mill-grupp *vicia spp* (ħlief il-*vicia faba*) flimkien ukoll mal-*hedysarum spp*;

- Il-benefiċjarji huma meħtieġa li jżommu rekords tal-użu tal-erbiċidi u rekords relatati mal-obbligi tal-Kundizzjonalità. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-ispetturi tal-ARPA meta ssir spezzjoni.

## AECC 3 – Appoġġ

**Rata tal-appoġġ:** €144.15/tomna/sena (ekwivalenti għal €1,282.45/ettaru/sena)

## AECC 4 – INTRODUZZJONI TA' KAXXI GĦAN-NAĦAL FL-AZJENDI

L-objettiv ta' din il-miżura huwa sabiex il-bdiewa jingħataw l-inċentiv biex ipoġġu kaxxi għan-naħal fl-azjenda tagħhom u biex jappoġġja dawk li jrabbu n-naħal stabbiliti, biex iħeġġiġhom ikomplu fis-settur tal-apikultura. Din il-miżura tkun ta' benefiċċju b'mod partikolari f'żoni li għandhom proporzjon għoli ta' xagħri/ġmiem meta mqabbel ma' art agrikola, minħabba l-varjetajiet ta' fjuri selvaġġi li jikbru b'mod naturali f'tali żoni.

## AECC 4– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

- Sabiex japplika għall-għajnuna, bidwi jrid ikollu minimu ta' 0.2 ettari ta' art agrikola rreġistrata taħt dan l-impenn ibbażat fuq l-art. Din hija l-art rekwiżita minima meħtieġa biex ikun eliġibbli għal pagament għal kaxxa għan-naħal waħda. Kwalunkwe għalqa li tinstab li hija inqas minn 0.04 ettari ma tkunx eliġibbli, madankollu kaxxi għan-naħal jistgħu jitmexxew fuq għelieqi ta' Agridec, għelieqi b'inqas minn 0.04 ha ta' art eliġibbli u koordinati X:Y;
- Il-bdiewa jridu jkunu rreġistrati fir-Reġistru tal-Bdiewa tal-IACS;
- Il-kaxxi għan-naħal iridu jinżammu fuq art agrikola (inkluż ix-xagħri) matul is-sena kollha;
- Il-kaxxi għan-naħal kollha taħt din il-miżura jridu jkunu marbuta/assoċjati ma' għelieqi agrikoli mar-reġistrazzjoni tal-impenn ta' ġestjoni bbażati fuq l-art. Dan sabiex jiġi żgurat li l-impatt pożittiv fuq il-bijodiversità jinħass kemm fuq l- għelieqi kif ukoll fuq art agrikola oħra matul is-sena kollha;
- Il-benefiċjarji għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-post eżatt li fihom jitqiegħdu l-kaxxi għan-naħal biex jiġu żgurati traċċabbiltà u kontrolli adegwati permezz tal-formola fl-Anness V. Peress li x-xagħri mhuwiex irreġistrat f'mod simili għall- għelieqi agrikoli oħrajn (u għaldaqstant il-post ġeospazjali jista' ma jkunx preċiż), tkun permessa varjanza fil-post għal Verifika Fuq il-Post;
- Il-persuna li trabbi n-naħal tista' tilħaq ftehim ma' bdiewa oħrajn bil-mira li jiġu introdotti għelieqi taħt dan l-impenn biex jiżdied l-ammont ta' kaxxi għan-naħal appoġġjati u/jew biex dawn l- għelieqi addizzjonali jintużaw għall-obbligu tal-moviment tal-kaxxi għan-naħal, kull bidwi qed jappoġġja persuna li trabbi n-naħal waħda biss, il-persuna li trabbi n-naħal u l-bidwi jridu jagħmlu ftehim bil-miktub li jindika li l-bidwi jippermetti lill-persuna li trabbi n-naħal biex iżżomm kaxxi għan-naħal fl-azjenda tagħhom u l-bidwi jżomm ir-responsabbiltà għall-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà tal-art u l-obbligi tal-kundizzjonalità għall-art kollha marbuta ma' dan l-AECM u li l-bidwi ma jkunx jista' jittrasferixxi l-art marbuta mal-AECC 4 għad-durata tal-kuntratt ta' 5 snin
- F'każ ta' trasferiment ta' azjendi (jew parti minnhom) wara l-ewwel sena ta' impenn, l-obbligi relatati mas-sottomiżura jridu jinżammu. Fi kwalunkwe każ, għandha ssir valutazzjoni adegwata biex jiġi żgurat li l-objettiv tal-miżura xorta jista' jinkiseb;
- Meta jirreġistra għall-appoġġ, l-applikant huwa meħtieġ li jkollu minimu ta' 5 kaxxi għan-naħal attivi;
- Il-kaxxi għan-naħal kollha jrid ikollhom marka unika għal skopijiet ta' identifikazzjoni u kontroll;

## AECC 4 – IMPENJI

- Iżżomm u tmantni minimu ta' 5 kaxxi għan-naħal fi stat tajjeb;
- Il-persuna li trabbi n-naħal tkun meħtieġa tidentifika l-post fl-azjenda (u x-xagħri kif u meta permess) fejn il-kaxxi għan-naħal ser jitwaqqfu skont l-Anness VI;
- Meħtieġa li tkun membru tas-soċjetà apikulturali u kull sena tippreżenta l-irċevuta mas-sottomissjoni tat-talba għal pagament;

- Il-persuni li jrabbu n-naħal huma meħtieġa jżommu rekord tal-kaxxi għan-naħal impenjati kollha fl-azjenda tagħhom u/jew taħt is-sjieda tagħhom iżda li jinsabu f'azjenda differenti;

- Il-persuna li trabbi n-naħal ser tkun meħtieġa tavża lill-ARPA bil-movimenti li ser jitwettqu kull sena; Il-kaxxi jridu jitmexxew f'postijiet tax-xagħri/ġmiem oħrajn madwar 3 darbiet (żewġ movimenti) f'sena; kull moviment irid ikun tal-inqas 3 km imbiegħda u miżmuma għal tal-inqas 4 ġimgħat.

- Mar-reġistrazzjoni tal-kaxxi għan-naħal għall-appoġġ, il-benefiċjarju ser ikun meħtieġ iqiegħed identifikazzjoni fiżika skont ir-rekwiżiti tal-ARPA fuq kull kaxxa li għaliha l-bidwi qed jirreġistra għall-għajnuna;

- Mal-ispezzjoni, il-kaxxi kollha li għalihom qed tintalab l-għajnuna jridu jkunu identifikabbli b'mod ċar mingħajr ebda evidenza ta' tbagħbis.

## AECC 4 – Appoġġ

€147.80/kaxxa għan-naħal/sena b'5 kaxxi/ha, jiġifieri €739/ha, peress li jista' jiġi appoġġjat massimu ta' 5 kaxxi għan-naħal għal kull ettaru

## AECC 5 – Implimentazzjoni ta' pjan ta' ġestjoni u konservazzjoni tal-ħamrija fl-għelieqi

L-objettiv ta' din il-miżura huwa sabiex il-bdiewa jħejju u jimplimentaw Pjan ta' Ġestjoni ta' Ħamrija (SMP) fuq l-għelieqi tagħhom li għandu fil-mira tliet theddidiet primarji relatati mal-ħamrija; erożjoni, ħamrija kumpatta u materja organika baxxa tal-ħamrija. L-SMP irid jitfassal u jiġi ffirmat minn persuna kompetenti liema persuna tkun ippubblikata fuq is-sit web tal-awtorità kompetenti (Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti). Il-bidwi ser ikun obbligat li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet kollha fl-SMP.

L-implimentazzjoni ta' SMP għandha l-potenzjal li jkun hemm: filtrazzjoni aħjar tal-ilma qabel ma dan jilħaq il-pjan; titjib fiż-żamma u l-ħażna tal-ilma; mitigazzjoni tal-impatti ta' avvenimenti estremi tat-temp; titjib fl-istruttura tal-ħamrija; provvediment tal-abitat mikrobiku; u tkun sors ta' nutrijenti b'rilaxx gradwali fuq terminu twil. Barra dan, itejjeb il-kapaċità tal-ħamrija biex taħżen dijossidu tal-karbonju (CO2) u gassijiet serra oħrajn f'materja organika tal-ħamrija.

Il-benefiċċji fejn l-art titħalla tistrieħ għal perjodi estiżi jinkludu l-ibbilanċjar mill-ġdid tan-nutrijenti tal-ħamrija, l-istabbiliment mill-ġdid tal-bijota tal-ħamrija, il-qerda ta' ċikli ta' pesti u mard tal-għelejjel, u l-provvediment ta' rifuġju għall-ħajja selvaġġa.

Permezz tal-promozzjoni għall-ikkompostjar (biex tiżdied il-materja organika), l-iskart ekoloġiku bħall-veġetazzjoni, l-injam u skart organiku ieħor ma jitteħdux f'landfills u jista' jkollhom rwol biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra. Dan l-intervent jistabbilixxi miri differenti għal raba' saqwi/bagħli. Dawn il-miri huma spjegati fid-dettall hawn taħt.

Id-definizzjoni ta' għalqa saqwija hija marbuta mal-potenzjalità tal-għalqa biex tissaqqa. Għaldaqstant, raba' saqwi tirreferi għal żoni agrikoli pprovduti apposta bl-ilma, pereżempju permezz ta' pajpijiet u tisqija bil-friefet. F'dan ir-rigward, l-aġenzija tal-pagament ser twettaq verifiki biex tiddetermina jekk l-art hijiex saqwija jew bagħlija abbażi ta' dan li ġej:

.

- Il-preżenza ta' pajpijiet (kemm temporanji kif ukoll permanenti) fuq l-għalqa inkwistjoni timplika li l-għalqa għandha titqies bħala saqwija
- Il-preżenza ta' sistema ta' tisqija bil-friefet fuq l-għalqa inkwistjoni timplika li l-għalqa għandha titqies bħala saqwija
- Il-preżenza ta' infrastruttura (inkluż bir u ġiebja), tagħmir jew faċilitajiet għall-ħażna tal-ilma fuq l-għalqa inkwistjoni, timplika li l-għalqa għandha titqies bħala saqwija.
- Il-preżenza ta' kwalunkwe tagħmir ieħor intenzjonat biex jipprovdi tisqija fuq l-għalqa inkwistjoni, jimplika li l-għalqa għandha titqies bħala saqwija.

Jekk it-3% (1% fil-każ ta' raba' bagħli) ta' materja organika tal-ħamrija (SOM) tal-għalqa ma jinkisibx fit-tmiem tal-ftehim tal-AECC, dan iwassal għal tal-inqas 1/3 ta' rkupru tal-ammont totali riċevut matul il-5 snin kollha fuq l-għalqa speċifika għan-nuqqas li tinkiseb waħda mit-tliet miri speċifiċi tal-SOM.

Il-possibbiltà li jiġu rreġistrati bosta għelieq ħdejn xulxin bħala għalqa waħda mhix applikabbli fejn l-għelieqi huma maqsumin b'għelieqi irreġistrati fuq bdiewa oħrajn jew għelieqi irreġistrati fuq l-istess bidwi iżda ma jagħmlux parti mill-istess impenn AECC.

L-iggruppar tal-għelieqi jeħtieġ li jibqa' l-istess matul l-impenn kollu. It-testijiet tal-ħamrija/SMPs kollha fi snin sussegwenti jridu jsegwu l-istess iggruppar li ntuża fl-ewwel sena. Mhumiex permessi bidliet fl-iggruppar, bl-eċċezzjoni tat-tneħħija ta' għalqa approvata mill-ARPA.

L-SMP għandu jkun dirett lejn l-adozzjoni ta' miżuri u azzjonijiet biex:

- tiġi minimizzata l-erożjoni tal-ħamrija fl-għelieqi
- fil-każ ta' raba' saqwi, tiżdied il-materja organika tal-ħamrija minn 2% għal minimu ta' 3%
- fil-każ ta' raba' bagħli, tiżdied il-materja organika tal-ħamrija għal minimu ta' 1%
- jiġu stabbiliti standards varji għall-prevenzjoni ta' ħamrija kumpatta.

Qed jiġi kkjarifikat li f'każijiet fejn azzjoni taħt ekoskemi (Pilastru I) tikkumplimenta u titqies li jikkontribwixxi għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-AECC, mela l-azzjoni mwettqa taħt l-obbligi tal-ekoskema ser jitqiesu bħala ogħla mill-azzjonijiet minimi meħtieġa taħt dan l-AECC.

## AECC 5 – Kriterji tal-Eliġibbiltà

- Sabiex japplika għall-għajnuna, bidwi jrid ikollu minimu ta' 0.1124 ettari (tomna waħda) ta' art agrikola. Kwalunkwe għalqa li tinstab li hija inqas minn 0.04 ettari ma tkunx eliġibbli.
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjenda tagħhom u dawn għandhom ikunu disponibbli fuq talba waqt kwalunkwe spezzjoni uffiċjali.
- Matul il-perjodu tat-talba, il-bidwi jrid jippreżenta kopja tar-riżultati tat-testijiet tal-ħamrija jew irċevuta li turi prova li l-kampjun tal-ħamrija ġie sottomess biex ikopri l- għelieqi kollha li qed jiġu inklużi fl-impenn;
- Il-kampjuni tal-ħamrija sottomessi kollha jeħtieġu li jinġabru mill-konsulenti fid-data meta l-kampjun jiġi sottomess lil-laboratorju (jiġifieri, jekk konsulent ġie rreġistrat fit-18 ta' April, mela l-kampjuni tal-ħamrija sottomessi kollha jeħtieġu li jkunu ddatati mit-18 ta' April 'il quddiem. Kampjuni tal-ħamrija ddatati qabel it-18 ta' April ma jitqisux eliġibbli għall-AECC u jistgħu jirriżultaw f'rifjut tal-applikazzjoni/terminazzjoni tal-impenn li jwassal għall-irkupru ta' fondi. Il-kampjuni tal-ħamrija kollha għandhom jinġabru taħt is-superviżjoni tal-persuna kompetenti. Il-kampjuni ma għandhomx jinġabru mill-benefiċjarju dirett li qed japplika taħt l-AECM, għal liema qed jinġabru l-kampjuni. Il-persuna kompetenti tibqa' responsabbli għall-proċess tal-ġabra tal-kampjuni. Il-kampjuni kollha jeħtieġu li jiġu ttikkettati bin-numri l-ġodda tal- għelieqi;
- Hija biss l-art li tista' tinħadem li hija eliġibbli taħt din il-miżura. Raba' permanenti mhix eliġibbli għal appoġġ taħt l-AECC;
- Art agrikola li tista' tissaqqa b'materja organika tal-ħamrija (SOM) taħt 2% mhix eliġibbli (obbligu KAAT). Meta jissottometti talba għal applikazzjoni għall-ewwel darba, il-bidwi jrid jippreżenta test tal-SOM b'riżultat ta' 2% jew ogħla biex ikun eliġibbli. Dan ir-rekwiżit tal-eliġibbiltà ta' 2% mhux applikabbli fil-każ ta' għelieqi bagħlin;
- Il-bidwi jrid jissottometti wkoll pjan tal-għelejjel mal-SMP;
- Kull Karatteristika individwali tal-Pajsaġġ fuq il-konfini l-għalqa titqies bħala eliġibbli jekk l-erja ma taqbiżx il-15% tal-erja eliġibbli totali tal-għalqa.

## AECC 5 – IMPENJI

- Il-bdiewa jridu jimplimentaw il-miżuri u l-azzjonijiet inklużi fil-Pjan ta' Ġestjoni tal-Ħamrija.

- L-SMP għandu jkun konformi mal-linji gwida maħruġa mill-Awtorità Kompetenti li għandu jinkludi:
- lista tat-theddidiet għall-ħamrija identifikati fuq kull għalqa u l-konsegwenza ambjentali potenzjali;
- mappa li turi r-riskji ta' skular u erożjoni mill-ilma;
- tal-inqas 2 azzjonijiet biex jimmitigaw it-theddidiet għall-ħamrija (apparti mill-ikkompostjar);
- Kompostjar – L-ikkompostjar irid jitwettaq f'tal-inqas għalqa waħda mill-azjenda sħiħa impenjata;
- jissottometti kopja tal-pjan tal-għelejjel u pjan tal-fertilizzanti.

- L-ittestjar tal-ħamrija għal Materja Organika jrid jitwettaq kull sena għal Materja Organika tal-Ħamrija (SOM) matul is-snin ta' impenn. Ir-riżultati tat-testijiet tal-ħamrija għandhom jiġu sottomessi lill-ARPA matul it-talba ta' pagament annwali.
- Fil-każ ta' raba' saqwi, l-SOM ta' 2% hija kriterju tal-eliġibbiltà li jeħtieġ li jinżamm matul il-5 snin. Jekk fi kwalunkwe punt, it-test tal-SOM juri li għalqa partikolari niżlet taħt it-2%, dik l-għalqa titqies mhux eliġibbli u ser twassal f'irkuprar ta' 100% fuq dik l-għalqa (mhux l-impenn sħiħ li tista' tkun assoċjata miegħu).
- Il-kampjuni tal-ħamrija annwali għall-ittestjar iridu jinġabru mill-konsulent awtorizzat li jħejji l-SMP, li għandu jsegwi l-linji gwida tal-kampjunar tal-ħamrija maħruġa mill-Awtorità Kompetenti u jeħtieġ li jinġabar skont il-mudell spazjali W.
- Sat-tmiem tal-impenn fil-każ ta' raba' saqwi, il-materja organika tal-ħamrija trid tkun tal-inqas 3%, fil-każ ta' raba' bagħli sat-tmiem tal-impenn, il-materja organika tal-ħamrija trid tkun tal-inqas 1%.
- L-ispejjeż tat-testijiet tal-ħamrija u l-SMP jitħallsu mill-benefiċjarju peress li dawn huma inklużi fir-rata tal-pagament tal-miżura, jiġifieri bħala parti mir-rata għal kull tomna/ettaru.
- Verifiki fuq il-post ser jitwettqu mill-ARPA li ser jinkludu, fejn meqjus neċessarju, il-kampjunar u l-ittestjar għal Materja Organika tal-Ħamrija.
- Ħalli l- għelieqi impenjati jistrieħu bejn l-1 ta' Lulju u l-1 ta' Ottubru kull sena matul ix-**xhur** tas-sajf. Mistrieħ fis-sajf huwa l-prattika li l-art titħalla tistrieħ matul l-istaġun tat-tkabbir.
- Bejn l-1 ta' Lulju u l-1 ta' Ottubru, il-bdiewa ma jistgħux iħawlu għelejjel, japplikaw fertilizzanti/pestiċidi sintetiċi fl- għelieqi inkwistjoni.
- Il-bdiewa ser ikunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-AECC u anke dawk rilevanti għall-obbligi tal-Kundizzjonalità. Dawn għandhom jiġu ppreżentati lill-ispetturi tal-ARPA meta ssir spezzjoni.
- L-SMP u r-riżultat tat-testijiet tal-ħamrija jeħtieġu jiġu aġġornati u sottomessi mill-ġdid kull sena waqt it-talba annwali għal pagament; għall-ewwel sena biss, il-bidwi jista' jissottometti (waqt it-talba għal pagament) riżultat tat-testijiet tal-ħamrija għal kull għalqa miġbura mill-istess bidwi. Sussegwentement, il-konsulent jiġbor il-kampjuni tal-ħamrija li ser jintużaw biex ikun immonitorjat il-progress/qari tal-SOM. L-istrateġija magħżula biex jinġabru il-kampjuni għandha tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni tal-konsulenti, skont it-tip ta' ħamrija u l-ġestjoni tal-art.

## AECC 5 – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** €2,378.35/ettaru/sena.

## AECC 6 – SKEMA GĦAT-TRATTAMENT XIERAQ TAL-FLIELES TAS-SIMNA

L-objettiv ta' dan l-intervent huwa sabiex jagħti inċentiv lil dawk li jrabbu l-flieles tas-simna fil-Gżejjer Maltin biex itejbu t-trattament tal-flieles tas-simna waqt il-perjodu tat-tkabbir billi jnaqqsu d-densità ta' flieles tas-simna għal kull metru kwadru waqt il-perjodu tat-tkabbir fl-azjenda tagħhom, li hija stabbilita għal tlettax-il (13) tajra għal kull metru kwadru. Din id-densità timplika li f'termini ta' kilogrammi għal kull metru kwadru, kull azjenda tal-flieles tas-simna teħtieġ tkun konformi mal-Avviż Legali 441 tal-2010 li stabbilixxa li kwalunkwe spazju tat-trobbija ma għandux jaqbeż il-linja bażi ta' 33 kg għal kull metru kwadru (kg.m$^2$) fid-densità ta' trobbija, filwaqt li t-turnaround għat-tkabbir ta' flieles tas-simna qabel il-qatla f'Malta huwa ta' 42 jum. Il-leġiżlazzjoni ta' Malta tirrifletti l-ispirtu tal-acquis communautaire għat-tnaqqis tad-densità ta' trobbija biex tiżgura trattament aħjar, skont l-obbligu fl-Art. 3 tad-Direttiva 2007/43/KE. Billi twarrab il-possibbiltà li tintuża d-deroga fl-Art. 3(3) li bosta produtturi f'partijiet oħra tal-Komunità jużaw biex jilħqu d-densitajiet ta' trobbija ta' 38 kg/m$^2$ għal perjodi sa 49 jum, il-limitu eżistenti ta' Malta jippermetti titjib sostanzjali addizzjonali fil-kundizzjonijiet li fihom jitkabbru l-flieles tas-simna billi jingħata inċentiv għal aktar bidliet volontarji fil-prattiki.

Il-mira tal-miżura hija li jitnaqqas l-għadd ta' ġranet li matulhom l-annimali jkunu f'densitajiet ogħla minn 30 kg/m$^2$ u li huma l-aktar soġġetti għal stress idderivat minn qsim żejjed tal-ispazju disponibbli fil-matmura taħt sistemi ta' tkabbir veloċi, u li jintwera f'eżiti mhux mixtieqa inkluż *cellulitis*, dermatite tas-sieq, *hock burn*, feriti fil-ġogi u sintomi oħrajn ta' benesseri li qed imur għall-agħar. Densità ta' ħżin ta' 33 kg/m$^2$ hija ekwivalenti għal 2.538 kg għal kull fellus tas-simna. Dawk li jrabbu flieles tas-simna li jixtiequ jibbenefikaw mill-appoġġ taħt din il-miżura jkunu meħtieġa jnaqqsu d-densità ta' ħżin għal 28.6 kg/m$^2$, li tfisser 2.2 kg għal kull tajra. Din tista' tinkiseb speċifikament billi tinbidel il-prattika eżistenti taħt liema l-produtturi joqtlu sat-42 jum ta' kull lott, biex iressqu 'l quddiem l-perjodu tal-qatla sal-35 jum.

Billi jinqatlu ġimgħa sħiħa qabel, jitnaqqsu l-jiem li fihom l-annimali jkunu qabżu l-punt ta' tkabbir li matulu d-deterjorament fir-rix jindika l-intensifikazzjoni tal-istress mid-densità, flimkien ma' tnaqqis nett fil-potenzjal għal sofferenza mhux meħtieġa. It-tnaqqis fit-turnaround għandu wkoll effett pożittiv f'termini tad-dekarbonizzazzjoni tal-produzzjoni biex din issir aktar sostenibbli billi jitnaqqsu l-emissjonijiet netti tal-gassijiet b'effett ta' serra. Bl-eliminazzjoni ta' sehem sinifikanti ta' ġranet meta ċ-ċiklu tal-għalf u l-iskart jipproduċi l-aktar ossidu nitruż u metan għal kull lott li jitkabbar, kif ukoll l-konsum tal-enerġija addizzjonali, il-bidla fil-prattika tagħmel kontribut pożittiv biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju għal dawn l-azjendi. Huwa stmat li t-teħid tal-għalf ta' kuljum għall-varjetà tal-flieles tas-simna mrobbija f'Malta fit-28 jum ikun 149 gramma għal kull tajra; fil-35 jum, dan ikun 185 gramma għal kull tajra; fit-42 jum, dan ikun 213 gramma għal kull tajra, u jkompli jikber aktar ma jikbru t-tjur.

## AECC 6– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

- Benefiċjarji eliġibbli għal dan l-intervent għandhom ikunu persuni attivi li jrabbu l-flieles tas-simna rreġistrati mad-Direttorat tar-Regolamentazzjoni Veterinarja (VRD) li jipproduċu aktar minn 2,000 fellus tas-simna fis-sena fis-sentejn preċedenti JEW persuni

li jrabbu l-flieles tas-simna li għadhom kif ġew liċenzjati b'kapaċità li jipproduċu aktar minn 2,000 fellus tas-simna fis-sena;

- lottijiet ta' flieles li daħlu fir-razzett mill-1 ta' Jannar 2023 biss għandhom ikunu eliġibbli għal din l-iskema.
- Id-dejta li tikkonċerna l-eliġibilità u d-dejta tal-ħlas ser tiġi estratta direttament minn NLD.
- Biex ikunu u jibqgħu eliġibbli għal din l-iskema, il-bdiewa għandhom jaderixxu mar-regolamenti rilevanti tal-UE u Nazzjonali u jieħdu kwalunkwe azzjoni ta' segwitu kif indikat mill-awtorità kompetenti (VRD).

## AECC 6 – IMPENJI

- Persuni li jrabbu l-flieles tas-simna għandhom iżommu u jippreżentaw rekords dwar id-*data* tal-produzzjoni bħall-ammont ta' flieles ta' jum li jinxtraw mill-mafqas, trattament mediku (jekk hemm), mwiet u *data* tal-qtil;
- Il-persuni li jrabbu l-flieles tas-simna għandhom jinfurmaw il-biċċerija li huma qed isegwu din il-miżura biex jibdew il-qatla sal-35 jum, fejn il-bdiewa jridu joqtlu tal-inqas 20% tal-lott inkwistjoni sas-36 jum inkella l-lott sħiħ ma jkunx eliġibbli għall-pagament; fi kwalunkwe każ, l-annimali maqtula wara t-42 jum ma jkunux eliġibbli għall-pagament.
- L-ewwel jum ikun l-ewwel jum li l-flieles ikunu fir-razzett, f'Malta l-kunsinna ta' flieles fir-razzett mill-mafqas issir f'inqas minn 24 siegħa mit-tfaqqis; id-data tal-qatla hija l-ġurnata li fiha jinqatlu t-tiġieg tas-simna, f'każijiet fejn il-qatla tibda fil-ġurnata "N" u u tispiċċa fil-ġurnata "N+1" id-data tal-qatla għandha tkun jum N;

## AECC 6 – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** €0.35 għal kull fellus tas-simna eliġibbli maqtula

## AECC 7 – BIEDJA ORGANIKA

Dan l-intervent jipprovdi appoġġ għall-bdiewa biex jikkonvertu l-produzzjoni sħiħa (jew parti minnha) lejn prattiki tal-biedja organika bi prodotti mmirati għall-konsum mill-bniedem. Pagamenti ta' appoġġ għall-konverżjoni ser japplikaw biss għal massimu ta' sentejn (2) (irrispettivament mit-tip ta' wiċċ tar-raba wara ċ-ċertifikazzjoni "f'konverżjoni għal organika" maħruġa mill-Awtorità ta' Kontroll (CA) jew il-Korp ta' Kontroll (CB)) għall-art kollha li tiġi kkonvertita għall-produzzjoni organika. Il-bidwi ser jimxi lejn il-livell/ir-rata ta' żamma wara t-tmiem tal-impenn ta' konverżjoni (massimu ta' sentejn soġġett li l-għalqa tissodisfa l-kriterji ta' rikonoxximent tas-CA/CB). Il-bidwi ser javża lill-ARPA minnufih meta l-għalqa tiegħu tikseb iċ-ċertifikazzjoni bħala "Organika". Dan ifisser li kull għalqa ma tistax tibbenefika mir-Rata ta' Konverżjoni għal aktar minn sentejn, irrispettivament minn jekk din timxix lejn status Organiku jew le.

Jekk, għal kwalunkwe raġuni anke għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-bdiewa, l- għelieqi appoġġjati għall-konverżjoni organika ma jiksbux iċ-ċertifikazzjoni Organika, il-bidwi jkun soġġett li jħallas lura l-appoġġ riċevut taħt l-azzjoni ta' konverżjoni.

L-appoġġ jista' jiġi pprovdut ukoll lill-bdiewa biex iżommu prattiki tal-biedja organika (immirati għall-konsum mill-bniedem) għal minimu ta' 5 snin (fejn applikabbli, wara l-perjodu ta' konverżjoni ta' sentejn deskritt taħt l-azzjoni ta' konverżjoni preċedenti. Din l-azzjoni ser tipprovdi wkoll appoġġ għall-bdiewa li huma diġà ċċertifikati bħala produtturi organiċi u li ma bbenefikawx taħt il-konverżjoni lejn il-Biedja Organika, biex iżommu l-prattiki tal-biedja organika. Il-benefiċjarji jridu jagħmlu impenn biex iżommu l-art organika ċċertifikata għal perjodu minimu ta' 5 snin.

## AECC 7A – APPOĠĠ WAQT IL-KONVERŻJONI LEJN BIEDJA ORGANIKA

## AECC 7A – KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Il-bdiewa li japplikaw għall-għajnuna taħt Konverżjoni għall-Biedja Organika għandhom jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti obbligatorji bażiċi hekk kif ġej:

- L-applikanti jridu jkunu bdiewa attivi u jagħmlu impenn biex jikkontrollaw il-ġestjoni tal-art għat-tul tal-perjodu ta' konverżjoni u jkunu involuti fil-produzzjoni tal-ikel;
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjenda tagħhom u dawn għandhom ikunu disponibbli fuq talba waqt kwalunkwe spezzjoni uffiċjali;
- Dawk li jirċievu appoġġ għall-konverżjoni huma meħtieġa jattendu taħriġ rilevanti għall-konverżjoni kif dettaljat fin-Noti ta' Gwida tal-MA;

- Dawk il-benefiċjarji li għaddejjin mit-tranżizzjoni mill-konverżjoni għaż-żamma ser jirċievu appoġġ għal 5 snin mid-data inizjali taċ-ċertifikazzjoni tal-istatus taċ-ċertifikazzjoni organika, irrispettivament mit-tip ta' wiċċ li jkun qed jitkabbar;
- Il-bdiewa li jibbenefikaw mill-iskema tal-kwalità organika ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ taħt l-iskema tal-Konverżjoni u ż-Żamma Organika għall-istess sena, biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' finanzjament doppju.
- L-azjenda li dwarha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għandha tkun f'Malta;
- L-art/ għelieqi li ssir applikazzjoni għalihom ser ikunu rikonoxxuti bħala art agrikola li tista' tintuża;
- Il-kopertura tal-art trid tkun eliġibbli taħt is-sottomiżura partikolari.
- Kull applikant għandu jkun irreġistrat fir-Reġistru tal-Azjendi, li jindika wkoll l- għelieqi li qed jiġu ġestiti.
- L-applikanti għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet agrikoli obbligatorji standard u għaldaqstant għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rekords tal-azzjonijiet tagħhom;
- L-applikant irid ikollu tal-inqas 0.1142 ha ta' art agrikola eliġibbli.
- Kull għalqa iddikjarata jrid ikollha tal-inqas 0.01 ha ta' kopertura tal-art eliġibbli speċifika għas-sottomiżura inkwistjoni.

## AECC 7A – IMPENJI

- Il-bdiewa ser ikunu meħtieġa juru ċertifikazzjoni "waqt il-konverżjoni" sabiex ikunu eliġibbli għall-appoġġ għall-konverżjoni, liema ċertifikazzjoni għandha tkun ikkonfermata kull sena mill-ARPA mal-Awtorità/Korp ta' Kontroll rilevanti;

- Rigward il-konverżjoni għall-biedja organika, l-impenn ser jitwettaq fi żmien sentejn filwaqt li ż-żamma ser titwettaq fi żmien 5 snin (total ta' 7 snin jekk il-bidwi jkun fi stadju ta' konverżjoni).

## AECC 7A – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** €4,377.60/ha għal art li qed tiġi kkonvertita għal art organika. Huwa importanti li tinnota li din ir-rata għadha soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, għaldaqstant hija suġġetta għal emendi.

## AECC 7B – APPOĠĠ WAQT IŻ-ŻAMMA GĦAL BIEDJA ORGANIKA

## AECC 7B– KRITERJI TAL-ELIĠIBBILTÀ

Il-bdiewa li japplikaw għall-għajnuna taħt Żamma għall-Biedja Organika għandhom jissodisfaw għadd ta' rekwiżiti obbligatorji bażiċi hekk kif ġej:

- L-applikanti jridu jkunu bdiewa attivi u jagħmlu impenn biex jikkontrollaw il-ġestjoni tal-art għat-tul tal-perjodu ta' konverżjoni;
- Il-bdiewa jkunu meħtieġa jżommu rekords rilevanti għall-azjenda tagħhom u dawn għandhom ikunu disponibbli fuq talba waqt kwalunkwe spezzjoni uffiċjali;
- Dawk li jirċievu appoġġ għall-konverżjoni huma meħtieġa jattendu taħriġ rilevanti għall-konverżjoni kif dettaljat fin-Noti ta' Gwida tal-MA;
- Dawk il-benefiċjarji li għaddejjin mit-tranżizzjoni mill-konverżjoni għaż-żamma ser jirċievu appoġġ għal 5 snin mid-data inizjali taċ-ċertifikazzjoni tal-istatus taċ-ċertifikazzjoni organika, irrispettivament mit-tip ta' għalla;
- Il-bdiewa li jibbenefikaw mill-iskema tal-kwalità organika ma jkunux eliġibbli għall-appoġġ taħt l-iskema tal-Konverżjoni u ż-Żamma Organika għall-istess sena, biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' finanzjament doppju.
- L-azjenda li dwarha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għandha tkun f'Malta;
- L-art/ għelieqi li ssir applikazzjoni għalihom ser ikunu rikonoxxuti bħala art agrikola li tista' tintuża;
- Il-kopertura tal-art trid tkun eliġibbli taħt is-sottomiżura partikolari.
- Kull applikant għandu jkun irreġistrat fir-Reġistru tal-Azjendi, li jindika wkoll l-għelieqi li qed jiġu ġestiti.
- L-applikanti għandhom ikunu konformi mal-kundizzjonijiet agrikoli obbligatorji standard u għaldaqstant għandhom ikunu jistgħu jipprovdu rekords tal-azzjonijiet tagħhom;
- L-applikant irid ikollu tal-inqas 0.1124 ha ta' art agrikola eliġibbli.
- Kull għalqa iddikjarata jrid ikollu tal-inqas 0.01 ha ta' kopertura tal-art eliġibbli speċifika għas-sottomiżura inkwistjoni.

## AECC 7B – IMPENJI

-

- Il-bdiewa ser ikunu meħtieġa juru ċertifikazzjoni "organika" sabiex ikunu eliġibbli għall-appoġġ għaż-żamma, liema ċertifikazzjoni għandha tkun ikkonfermata kull sena mill-ARPA mal-Awtorità/Korp ta' Kontroll rilevanti;

- Rigward il-konverżjoni għall-biedja organika, l-impenn ser jitwettaq fi żmien sentejn filwaqt li ż-żamma ser titwettaq fi żmien 5 snin (total ta' 7 snin jekk il-bidwi jkun fi stadju ta' konverżjoni).

## AECC 7B – APPOĠĠ

**Rata tal-appoġġ:** €3,614.40/ha għal art organika li qiegħda taħt żamma. Huwa importanti li tinnota li din ir-rata għadha soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, għaldaqstant hija suġġetta għal emendi.

## Kompatibbiltà tal-AECCs mal-Ekoskemi

Ser ikun permess AECC wieħed biss fuq kull għalqa, madankollu tista' ssir applikazzjoni għal AECC fuq l-istess għalqa bl-ekoskemi hekk kif ġej:

AECC 1 – Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 2 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 3 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 4 - Jista' jiġi kkombinat mal-Ekoskemi kollha

AECC 5 - Ma jistax jiġi kkombinat mal-ebda mill-Ekoskemi ħlief mal-Ekoskema 3

AECC 6 - Mhuwiex relatat art

AECC 7 - Ma jistax jiġi kkombinat ma' kwalunkwe mill-Ekoskemi

# PARTI III – IL-PROĊEDURI OPERAZZJONALI

## PROĊEDURI ĠENERALI GĦALL-APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦAJNUNA

Biex jirċievi appoġġ taħt l-interventi tal-AECC, il-bidwi jrid jissottometti applikazzjoni waqt il-perjodu stabbilit. Kull sena, ser ikun hemm disponibbli applikazzjoni mimlija minn qabel għal kull bidwi; din l-applikazzjoni mimlija minn qabel tinħareġ mis-sistema IACS li taħżen l-informazzjoni kollha ddikjarata mill-benefiċjarju u informazzjoni oħra misjuba mill-ARPA waqt il-proċess tal-verifiki u l-kontrolli.

L-applikazzjoni għall-għajnuna ser jiġu sottomessi mill-benefiċjarji fuq bażi annwali u għandu jkun fihom l-informazzjoni kollha neċessarja biex jiġu vverifikati l-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà għal appoġġ għall-interventi bbażati fuq l-art kollha kif ukoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti rilevanti għall-kundizzjonalità (dan huwa partikolarment importanti għall-bdiewa bl-obbligi 7 u 8 tal-KAAT).

## SOTTOMISSJONI TA' APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-GĦAJNUNA GĦAL TALBIET GĦAL PAGAMENT U SOTTOMISSJONI TARDIVA

Id-dati ta' meta għandhom jiġu riċevuti l-applikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet taħt liema applikazzjoni tiġi evalwata ser jiġu stabbiliti mill-ARPA u jkunu ppubblikati permezz tal-gazzetta tal-gvern lokali.

Il-bdiewa ser jingħataw l-opportunità li jissottomettu talba għal pagament tard sa 10 ijiem kalendarji wara d-data tal-għeluq.

Ma tista' tiġi sottomessa l-ebda talba għal pagament wara l-iskadenza ta' dawn l-10 ijiem. Fil-każ li l-aħħar ġurnata tkun is-Sibt, il-Ħadd jew Festa Pubblika, id-data tal-għeluq tiġi posposta għall-ewwel ġurnata tax-xogħol li ssegwi.  Tiġi applikata penali għal applikazzjonijiet li jiġgħu sottomessi tard.

## VERIFIKA TAD-DOKUMENTAZZJONI TA' SOSTENN MILL-UFFIĊĊJI RESPONSABBLI GĦALL-AWTORIZZAZZJONI

Id-dokumenti ta' sostenn meħtieġa mill-ARPA biex tipproċessa l-applikazzjoni jridu jiġu eżaminati. Id-dokumenti kollha jridu jittellgħu fis-sistema tal-IACS u l-verżjonijiet oriġinali jridu jinħażnu f'fajls xierqa.

Il-verifika ta' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn ser tiġi eżaminata mill-**Unità A1**, barra dan l-**Unità C1** ser tivverifika d-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti bħala parti mill-Verifiki tal-Pagamenti mwettqa abbażi ta' kampjun.

## VERIFIKI AMMINISTRATTIVI TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Hemm żewġ tipi ta' verifiki amministrattivi li huma:

- Il-korrettezza tal-applikazzjoni
- Il-kontrolli amministrattivi relatati mal-eliġibbiltà tal-applikazzjoni.

Dawn il-verifiki jitwettqu mis-sistema tal-IACS u huma mmirati biex jivverifikaw:

- il-kriterji tal-eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħrajn għall-iskema għall-għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ ikunu sodisfatti; (eż. żoni minimi fil-livell tal-iskema/intervent u l-għalqa)
- ma hemm l-ebda finanzjament doppju; (L-għalqa li għaliha tkun saret biss applikazzjoni taħt benefiċjarju wieħed)
- l-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għall-pagament hija kompleta u sottomessa fil-limitu taż-żmien rilevanti;
- fejn applikabbli, id-dokumenti ta' sostenn iridu jiġu sottomessi u mehmuża fl-IACS;
- hemm konformità ma impenji fuq terminu twil, kif xieraq.

## EMENDI/RTIRAR TAL-APPLIKAZZJONIJIET

Wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-**Unità A1** tista' twettaq emendi fl-applikazzjoni hekk kif ġej:

- Emenda ta' żball ovvju – l-ARPA tista' tippermetti tali emenda taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- Il-korrezzjoni meħtieġa tkun ġiet notifikata bil-miktub mill-applikant (ehmeż l-evidenza)
- Il-korrezzjoni hija minħabba żball ovvju u t-talba għal emenda qed issir *bona fide*
- Il-bidwi ma kienx notifikat b'Verifika Fuq il-Post
- L-emenda ssir qabel il-15 ta' Ottubru
- Agħti deskrizzjoni (inkluża l-emenda) u r-raġuni għall-emenda

Dawn iridu jidhru b'mod ċar u jkunu aċċessati f'waħda mill-menus tal-applikazzjonijiet emendati.

- Rtirar

L-applikanti jistgħu jagħżlu li jirtiraw l-applikazzjonijiet kompletament. L-ARPA tista' tippermetti rtirar bħal dan taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-irtirar ikun ġie notifikat bil-miktub mill-applikant (ehmeż l-evidenza)
- Il-bidwi ma kienx notifikat b'Verifika Fuq il-Post
- L- irtirar isir qabel il-15 ta' Ottubru
- Agħti deskrizzjoni (inkluża l-emenda) u r-raġuni għall-irtirar

L-applikanti jistgħu jagħżlu li jirtiraw l-applikazzjoni parzjalment. L-ARPA tista' tippermetti tali rtirar parzjali taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-irtirar parzjali jkun ġie notifikat bil-miktub mill-applikant (ehmeż l-evidenza)
- Il-bidwi ma kienx notifikat b'Verifika Fuq il-Post
- L- irtirar parzjali jsir qabel il-15 ta' Ottubru
- Agħti deskrizzjoni (inkluża l-emenda) u r-raġuni għall-irtirar parzjali

- Emendi minħabba nuqqas ta' konformità misjuba mill-verifiki amministrattivi

L-ARPA tista’ tippermetti emendi bħal dawn taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-applikant kien notifikat bin-nuqqas ta’ konformità mill-ARPA
- Agħti deskrizzjoni (inkluża l-emenda) tan-nuqqas ta’ konformità misjub (eż. u dikjarazzjoni ħażina li tista’ tinstab mid-dokumentazzjoni ta’ sostenn)

- Emendi minħabba nuqqas ta’ konformità misjuba mill-monitoraġġ taż-żona

L-ARPA tista’ tippermetti emendi bħal dawn taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- L-applikant kien notifikat bin-nuqqas ta’ konformità mill-ARPA
- Agħti deskrizzjoni (inkluża l-emenda) tan-nuqqas ta’ konformità misjub

## Kontrolli

Il-bdiewa jistgħu jiġu estratti mill-popolazzjoni sħiħa ta’ applikazzjonijiet u se jkunu soġġetti għall-Verifiki fuq il-post u verifiki amministrattivi. Applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għal pagament se tkun irrifjutata jekk il-benefiċjarju jew ir-rappreżentant tiegħu jimpedixxi li titwettaq verifika fuq il-post, ħlief f’każijiet ta’ forza maġġuri jew f’ċirkostanzi eċċezzjonali.

Fejn jiġi stabbilit li l-benefiċjarju ta evidenza falza bl-iskop li jirċievi appoġġ jew naqas li jagħti l-informazzjoni neċessarja minħabba negliġenza jew irrifjuta Verifika fuq il-post, l-appoġġ għandu jkun irrifjutat jew irtirat kompletament.

## Kalkolu tal-Pagamenti

### Stabbiliment tal-erja għall-pagament

Għall-pagamenti kollha marbuta mal-art, jekk l-area misjuba taqbeż l-erja ddikjarata, għandha tintuża l-erja ddikjarata għall-pagament. Jekk l-area ddikjarata taqbeż l-erja determinata, mela għandha tintuża l-erja determinata għall-pagament, iżda jridu jiġu applikati l-penalitajiet relatati kollha.

### Kalkolu tal-bhejjem għall-pagamenti

Fl-ebda każ ma tingħata għajnuna jew appoġġ għal numru akbar ta’ annimali minn dak muri fl-applikazzjoni għall-għajnuna.

Jekk in-numru ta’ annimali ddikjarat fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew it-talba għall-pagament jaqbeż dak determinat bħala riżultat ta’ verifiki amministrattivi jew verifiki fuq il-post, l-għajnuna jew l-appoġġ ser jiġi kkalkulat abbażi tal-annimali determinati.

Fejn jinstabu każijiet ta’ nuqqas ta’ konformità fir-rigward tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni għall-annimali bovini, ovin (nagħaġ) u kaprin (mogħoż), dan li ġej għandu japplika:

(a) annimal bovin li jinsab fl-azjenda li jkun tilef wieħed miż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni ser ikun meqjus bħala determinat sakemm ikun identifikat b'mod ċar individwalment mill-elementi l-oħra tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000;
(b) annimal ovin jew kaprin li jinsab fl-azjenda li jkun tilef wieħed miż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni ser ikun meqjus bħala determinat sakemm dak l-annimal xorta jista' jiġi identifikat mill-ewwel mezz ta' identifikazzjoni skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 21/2004 u sakemm li r-rekwiżiti l-oħrajn kollha tas-sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali ovini u kaprini jkunu sodisfatti;
(c) fejn annimal bovin, ovin jew kaprin wieħed li jinsab fl-azjenda jkun tilef iż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni, ser ikun meqjus bħala determinat sakemm dak l-annimal xorta jista' jiġi identifikat mir-reġistru, il-passaport tal-annimal, fejn rilevanti, bażi tad-data jew mezz ieħor stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jew ir-Regolament (KE) Nru 21/2004, rispettivament, u sakemm li min iżomm l-annimali jista' jipprovdi evidenza li huwa diġà ħa azzjoni biex jirrimedja s-sitwazzjoni qabel ma tħabbret il-verifika fuq il-post;
(d) fejn in-nuqqas ta' konformità misjub huwa relatat ma' entrati ħżiena fir-reġistru, il-passaporti tal-annimali jew il-bażi tad-data kompjuterizzata għall-annimali, iżda mhumiex ta' rilevanza għall-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà, l-annimal ikkonċernat ser ikun meqjus biss bħala mhux determinat jekk tali entrati ħżiena jinsabu taħt tal-inqas żewġ verifiki f'perjodu ta' 6 xhur. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, l-annimali kkonċernati ser ikunu meqjusa bħala mhux determinat wara l-ewwel sejba;
(e) fejn in-nuqqas ta' konformità misjub huwa relatat ma' notifiki tardivi tal-avvenimenti tal-annimal fil-bażi tad-data kompjuterizzata, l-annimal ikkonċernat ser ikun meqjus bħala determinat jekk in-notifika tkun saret qabel il-bidu tal-perjodu ta' żamma jew qabel id-data ta' referenza stabbilita skont ir-regoli b'relazzjoni mal-VCS stipulat taħt it-taqsima xx tal-pjan strateġiku tal-PAK.

L-entrati fis-sistema, u n-notifiki fiha, għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini, jistgħu jiġu aġġustati fi kwalunkwe ħin f'każijiet ta' żbalji ovvji rikonoxxuti mill-awtorità kompetenti.

## KALKOLU TAL-GĦAJNUNA PIENI

Il-pagament ser ikun ikkalkulat separatament għall kull skema ta' għajnuna diretta li l-bidwi jkun applika għaliha. Il-penalitajiet rispettivi kollha jridu jiġu applikati skont l-iskema ħlief għall-penalitajiet relatati mal-Kundizzjonalità u l-Kundizzjonalità Soċjali.

Jekk rilevanti, il-penalitajiet għandhom ikunu kkalkulati fl-ordni li ġejja:

(a) Sottomissjoni tard tal-applikazzjonijiet
(b) Nuqqas ta' dikjarazzjoni tal-penalitajiet kollha
(c) Dikjarazzjoni żejda tal-pieni

(d) Penalitajiet relatati man-nuqqas ta' aderenza għal impenji/obbligi speċifiċi (penalitajiet tal-lista tal-verifiki)
(e) Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità għal dik is-CY
(f) Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità li jaffettwaw is-snin ta' talbiet preċedenti
(g) Penalitajiet relatati mal-kundizzjonalità soċjali

## Sottomissjoni Tard ta' Talbiet għal Pagament

Talbiet għal pagament għandhom jiġu sottomessi qabel id-data li tiġi stabbilita mill-ARPA kull sena wara liema għandu japplika tnaqqis ta' 1% għal kull ġurnata tax-xogħol għal sottomissjonijiet tardivi, sa massimu ta' 10 ijiem tax-xogħol. Ma tiġi aċċettata l-ebda applikazzjoni sottomessa wara dan il-punt.

Kemm il-penali kif ukoll id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ma tapplika f'każijiet ta' forza maġġuri u ċirkostanzi eċċezzjonali.

## Nuqqas ta' Dikjarazzjoni ta' art agrikola

Jekk waqt Verifika Fuq il-Post, verifiki amministrattivi jew verifiki inkroċjati, l-ARPA tiddetermina li l-bidwi ma ddikjarax il-biċċiet tar-raba' kollha relatati maż-żoni taħt il-ġestjoni tiegħu u d-differenza bejn l-erja tal-azjenda ġenerali dikjarata u l-erja tal-azjenda, flimkien mal-erja mhux dikjarata hija aktar minn 3% tal-erja dikjarata, mela l-bidwi ser jirċievi penali ta' 3%.

## Kalkolu ta' eżiti relatati mal-erja

Jekk benefiċjarju jinsab li jkun iddikjara inqas, il-pagament ser jiġi affettwat fuq l-erja dikjarata. Iżda, jekk il-bidwi jinsab li jkun iddikjara żżejjed l-ammont taż-żona agrikola eliġibbli għal finanzjament, għandu japplika l-mekkaniżmu li ġej:

- Jekk l-eżitu tal-kontrolli jirriżulta f'dikjarazzjoni żejda ta' bejn 0% u 10% jew id-diskrepanza tal-erja hija ugwali għal 0.1ha jew inqas, il-pagament ser jiġi kkalkulat fuq l-erja misjuba.
- Meta l-erja dikjarata żejda hija aktar minn 10% u d-diskrepanza tal-erja hija aktar minn 0.1ha, l-erja tal-pagament ser tkun l-erja misjuba mnaqqsa b'1.5 tal-erja mhux misjuba għal penali massima ta' 100% tal-erja determinata.

## Kalkolu ta' eżiti tad-dikjarazzjoni tal-bhejjem

1. L-ammont totali ta' għajnuna jew appoġġ li għalih il-benefiċjarju huwa intitolat taħt skema ta' għajnuna għall-annimali jew miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali jew tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata ser jitħallas abbażi tal-għadd ta' annimali

determinati skont il-loġika ta' hawn fuq, sakemm li wara l-verifiki amministrattivi jew il-verifiki fuq il-post:

   a. ma jinstabux aktar minn tliet annimali mhux determinati, u
   b. annimali mhux determinati jistgħu jiġu identifikati individwalment bi kwalunkwe mezz stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jew (KE) Nru 21/2004.

2. Jekk aktar minn tliet annimali mhumiex determinati, l-ammont totali ta' għajnuna jew appoġġ li għalih huwa intitolat il-benefiċjarji taħt l-iskema tal-għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sena tat-talba kkonċernata ser jitnaqqas bi:
   a. il-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk mhux aktar minn 20%;
   b. id-doppju tal-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk huwa aktar minn 20% iżda mhux aktar minn 40%.

Jekk il-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3 huwa aktar minn 40%, l-ebda għajnuna jew appoġġ li għalih il-benefiċjarju kieku kien ikun intitolat taħt l-iskema tal-għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata.

3. Sabiex jiġu stabbilit l-perċentwali msemmija fil-paragrafu 2, l-għadd ta' annimali tal-iskema ta' għajnuna jew il-miżura tal-appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni misjub li mhux determinat ser jiġi diviż bl-għadd ta' annimali determinati għal dik l-iskema ta' għajnuna jew il-miżura ta' appoġġ jew it-tip ta' operazzjoni taħt tali miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata.

## KALKOLU TA' PENALITAJIET TAL-LISTA TAL-VERIFIKI

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħla fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi u l-impenji li huma speċifiċi għall-intervent u mhumiex relatati mal-kejl taż-żoni eliġibbli.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet.

## PENALITAJIET RELATATI MAL-KUNDIZZJONALITÀ GĦAL DIK IS-SENA TAT-TALBA

Kwalunkwe benefiċjarju li jirċievi fondi taħt il-PAK irid jikkonforma mar-Rekwiżiti Statutorji ta' Ġestjoni (SMRs) u l-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajbin (KAAT) li flimkien jikkostitwixxu l-obbligi bażiċi taħt il-kundizzjonalità u huma **relatati mal-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-kundizzjoni agrikola tajba tal-art, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti u l-benesseri tal-annimali.** Tiġi applikata penali jekk ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe mill-SMRs jew il-KAAT. Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki

mdaħħlin fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi msemmija hawn fuq relatati mal-kundizzjonalità.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis ta' perċentwal fuq il-pagament totali potenzjali matul dik is-Sena tat-Talba. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## PENALITAJIET RELATATI MAL-KUNDIZZJONALITÀ LI JAFFETTWAW IS-SNIN TA' TALBIET PREĊEDENTI

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi relatati mal-kundizzjonalità. Dawn japplikaw meta jiġi determinat li nuqqas ta' konformità partikolari kien identifikat fis-sena N, iżda n-nuqqas ta' konformità attwali kien persistenti fis-snin preċedenti.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## PENALITAJIET RELATATI MAL-KUNDIZZJONALITÀ SOĊJALI

Dawn il-penalitajiet jiddependu fuq l-eżitu tal-verifiki mdaħħlin fis-sistema ta' kontroll fir-rigward tal-aderenza mal-obbligi relatati mal-kundizzjonalità soċjali.

Il-penali hija espressa fil-forma ta' tnaqqis tal-perċentwal fuq il-pagament potenzjali ta' dak l-intervent. Il-listi tal-verifiki fis-sistema ta' kontroll huma bbażati fuq matriċi tal-penalitajiet li għandha tipproduċi l-penali ġenerali li għandha tiġi applikata. Dik il-penali hija mbagħad riflessa fil-kalkolu tal-pagament taħt il-modulu tal-applikazzjonijiet u applikata għall-pagament sħiħ.

## KAŻIJIET FEJN L-EBDA PENALI MA GĦANDHA TIĠI IMPOSTA

L-ebda penali ma għandha tiġi imposta:

(a) fejn in-nuqqas ta' konformità huwa minħabba forza maġġuri jew ċirkostanzi eċċezzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament 2116/2021 u jekk ikkonfermat bħala tali mill-ARPA; barra minn dan f'tali każijiet, il-benefiċjarju ser iżomm id-dritt li jirċievi l-għajnuna bis-sħiħ għall-applikazzjonijiet effettwati mill-forza maġġuri jew iċ-ċirkostanza eċċezzjonali.

(b) fejn l-ARPA tiddetermina li n-nuqqas ta’ konformità huwa minħabba żball tal-awtorità kompetenti jew awtorità oħra, u fejn l-iżball ma setax jinstab b’mod raġonevoli mill-persuna kkonċernata mill-awtorità amministrattiva;
(c) fejn il-persuna kkonċernata tista’ turi għas-sodisfazzjon tal-ARPA li huwa jew hija m’għandhomx tort għan-nuqqas ta’ konformità mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1 jew jekk l-ARPA hija sodisfatta mod ieħor li l-persuna kkonċernata m’għandhiex tort; u
(d) in-nuqqas ta’ konformità huwa minħabba ordni minn awtorità pubblika.

### SPEZZJONIJIET IRRIFJUTATI

L-Applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-ħlas għandha tiġi miċħuda jekk il-benefiċjarju jew ir-rappreżentant tiegħu jipprevjeni milli ssir kontroll fuq il-post, ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Tali rifjut għandu jwassal ukoll għal ksur tal-impenn kollu u l-fondi riċevuti taħt dak l-impenn għandhom jiġu rkuprati mill-ARPA.

## EVIDENZA/DIKJARAZZJONIJIET FOLOZ

Fejn ikun stabbilit li l-benefiċjarju pprovda evidenza falza għall-fini li jirċievi l-appoġġ, l-appoġġ għandu jiġi rrifjutat jew irtirat kollu. Barra minn hekk, il-benefiċjarju għandu jiġi eskluż mill-istess miżura jew tip ta' operazzjoni għas-sena kalendarja li fiha jiġi stabbilit it-tali sitwazzjoni u għas-sena ta' talba ta' wara.

### ĠESTJONI TA’ IMPENJI PLURIENNALI (IMPENNJI TA’ IKTAR MIN-SENA WAĦDA)

1. Il-benefiċjarji li jidħlu għal impenji pluriennali taħt l-Ekoskemi, huma obbligati li jsegwi l-obbligi indikati matul il-perjodu kollu tal-impenn.

L-impenji kollha huma rreġistrati fil-modulu tar-reġistru tal-impenji fl-IACS. Ir-reġistru tal-impenji jservi bħala bażi tad-data biex jirreġistra r-rabta bejn il-bidwi, l- għelieqi u ż-żona ekwivalenti impenjata, l-iskema magħżula u t-tul ta’ żmien tal-impenn. Ladarba l-impenn jitmexxa fl-istadju tal-kuntratt, l-informazzjono maħżuna fl-impenn tintuża għall-ġenerazzjoni tat-talbiet għal pagament mimlijin minn qabel. Kull impenn irreġistrat fir-reġistru tal-impenji għandu kodiċi ta’ identifikazzjoni uniku. Bidliet li jirriżultaw minn kontrolli fuq il-Post jew aġġornament tal-LPIS huma riflessi fir-reġistru tal-impenji.

Trasferimenti/ksur tal-impenji jridu jiġu rreġistrati fir-reġistru tal-impenji.

Għalkemm tali impenji pluriennali fir-reġistru tal-impenji jistgħu jkunu magħmula minn aktar minn għalqa waħda, kull għalqa hija meqjusa bħala impenn fiha nnifisha. Dan ifisser li bidwi jista’ jittrasferixxi/jneħħi għalqa waħda u ma jiġix ikkunsidrat bħala ksur fuq l-gheliqi kommessi kollha jekk ir-rekwiżiti minimi jinżammu.

L-għalqa li titneħħa mill-impenn sew permezz ta’ talba mill-benefiċjarji jew minħabba l-ineliġibbiltà ta’ dik l-għalqa għandha titqies bħala “bi ksur” (sakemm l-impenn ma jiġix ittrasferit liċ-ċessjonarju flimkien mal-għalqa), u f’dan il-punt l-ARPA ser twettaq valutazzjoni u tirkupra l-pagamenti mill-benefiċjarju fir-rigward ta’ dik l-għalqa. Jekk it-tneħħija l-għalqa taffettwa l-kundizzjonijiet ġenerali

tal-linja bażi għall-eliġibbiltà, mela l-fondi kollha riċevuti taħt dak il-kuntratt partikolari għandhom jiġu rkuprati. Jekk it-tneħħija msemmija hija riżultat ta' ksur tal-impenn identifikat permezz ta' Verifika Fuq il-Post jew kwalunkwe verifika amministrattiva mwettqa mill-ARPA matul l-aħħar sena tal-impenn, il-penalitajiet relatati kollha għandhom jiġu applikati, madankollu l-ARPA tista' tiddeċiedi li l-ebda rkupru ta' pagamenti passati mhu meħtieġ f'termini ta' proporzjonalità.

Bidwi jista' jissottometti talba u jżid l-ammont tal-erja eliġibbli tal-għalqa impenjata fi kwalunkwe ħin matul l-impenn. Bl-istess mod jistgħu jiġu aċċettati talbiet biex jitnaqqas l-ammont tal-erja eliġibbli totali tal-għalqa impenjata jekk il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà minimi għadhom qed jiġu osservati.

Il-benefiċjarji jridu jissottomettu talba għal pagament għal kull sena ta' talba, dawk li jonqsu li jissottomettu l-ewwel talba għal pagament ser jingħalqilhom l-impenn tagħhom u jitqies bħala miksur. Ma tkun meħtieġa l-ebda rifużjoni billi l-ebda pagament ma jkun inħareġ taħt dak l-impenn.

Jekk il-benefiċjarju jonqos li jissottometti talba għal pagament fit-tieni sena jew fis-snin segwenti, il-bidwi ser jitqies li jkun kiser l-impenn tiegħu u l-fondi kollha maħruġa matul l-impenn għall- għelieqi fil-vjolazzjoni jridu jiġu rkuprati.

2. Għall-AECC 1a u 1b it-twaqqif ta' impenn fuq annimali partikolari għandu jirriżulta fi ksur ta' impenji (sakemm ma jkunx każ ta' Forza Maġġuri rikonoxxut bħala tali mill-ARPA), minbarra l-penali rilevanti l-bidwi għandu jintalab jirrifondi il-fondi kollha maħruġa għal dawk l-annimali matul l-impenn. F'każijiet fejn waqt OTSC u/jew kontrolli amministrattivi jiġi determinat li kien hemm xi tbagħbis fl-identifikazzjoni u/jew iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali dan għandu jitqies mill-ARPA bħala ksur serju, l-impenn kollu għandu jingħalaq, il-fondi kollha riċevuti taħt dak l-impenn għandu jiġi rkuprat mill-ARPA u l-bidwi għandu jiġi eskluż mill-iskema fis-sena tas-sejba u fis-sena tat-talba li jmiss. Il-bdiewa għandhom jitħallew iżidu n-numru ta' rjus matul l-impenn, soġġett għall-approvazzjoni mill-ARPA;

Għall-AECC 1c it-twaqqif ta' impenn fuq is-siġar (eż. il-qlugħ tad-dwieli) għandu jirriżulta fi ksur tal-impenji (sakemm ma jkunx każ ta' Forza Maġġuri rikonoxxut bħala tali mill-ARPA), minbarra l-penali rilevanti l-bidwi għandu jintalab jirrifondi il-fondi kollha maħruġa għal dawk is-siġar matul l-impenn kollu (jitqiesu l-limiti indikati mill-iskema), barra minn hekk jekk ma jkunx fadal siġar impenjati l-impenn għandu jingħalaq. Il-bdiewa għandhom jitħallew iżidu n-numru ta' siġar matul l-impenn kollu, soġġett għall-approvazzjoni mill-ARPA;

3. Għal AECC 2 it-twaqqif ta' impenn fuq is-siġar (eż. qlugħ mill-għeruq) għandu jirriżulta fi ksur ta' impenji (sakemm ma jkunx każ ta' Forza Maġġuri rikonoxxut bħala tali mill-ARPA), minbarra l-penali rilevanti l-bidwi għandu jintalab biex jirrifondu l-fondi kollha maħruġa għal dawk is-siġar matul l-impenn kollu (b'kunsiderazzjoni tal-limiti indikati mill-iskema), barra minn hekk jekk ma jkunx fadal siġar impenjati l-impenn għandu jingħalaq. Il-bdiewa għandhom jitħallew iżidu n-numru ta' siġar matul l-impenn kollu, soġġett għall-approvazzjoni mill-ARPA;

4. Għal AECC 4 it-twaqqif ta' impenn fuq kaxxi tan-naħal (jinkludi t-tneħħija u/jew kaxxi tan-naħal inattivi) għandu jirriżulta fi ksur ta' impenji (sakemm ma jkunx każ ta' Forza Maġġuri rikonoxxut

bħala tali mill-ARPA), minbarra l-penali rilevanti l-bidwi għandu jintalab jirrifondi l-fondi kollha maħruġa għal dawk il-kaxxi tan-naħal matul l-impenn kollu (meta jitqiesu l-limiti indikati mill-iskema), barra minn hekk jekk in-numru li jifdal ta' kaxxi tan-naħal impenjati jkun inqas minn 5 l-impenn kollu għandu jkun magħluqu l-fondi rkuprati retrospettivament. Il-bdiewa għandhom jitħallew iżidu n-numru ta' kaxxi tan-naħal matul l-impenn kollu, soġġett għall-approvazzjoni mill-ARPA;

Regoli addizzjonali:

a. Kaxxi ma nstabux

1. Jekk bħala riżultat ta' OTSC, ma jinstabu kaxxi tan-naħal speċifiċi fuq l-ebda għalqa f'impenn jew għelieqi/lokazzjonijiet iddikjarati fl-Anness V tal-linji gwida, dan għandu jitqies bħala twaqqif ta' impenji fuq dawk il-kaxxi tan-naħal kif ipprovdut fl-ewwel paragrafu tal-punt 4.

b. Kaxxi misjuba fuq il-post iżda mhux attivi

Jekk bħala riżultat ta' OTSC, kaxxi tan-naħal speċifiċi jinstabu mhux attivi fuq xi għelieqi f'impenn jew għelieqi/lokazzjonijiet iddikjarati fl-Anness V tal-linji gwida, dan għandu jitqies bħala twaqqif ta' impenji fuq dawk il-kaxxi tan-naħal kif ipprovdut fl-ewwel paragrafu tal-punt 4.

c. Kaxxi ma jinstabux fuq il-post iżda jinsabu f'post differenti minn dak indikat fl-Anness V tal-Linji Gwida (għalqa ieħor impenjata)

1. Jekk il-kaxxi tan-naħal jinstabu u jkunu attivi, u l-obbligu tal-moviment tal-kaxxi tan-naħal jiġi kkonfermat li jkun rispettat bl-użu ta' biedjacam mill-bidwi allura l-benefiċjarju għandu jitqies li jkun konformi.

2. Jekk jinstabu kaxxi u jkunu attivi, u l-obbligu tal-moviment tal-kaxxi tan-naħal ma jiġix ikkonfermat li qiegħed jiġi rispettat permezz tal-użu tal-biedjacam allura dan għandu jitqies bħala twaqqif tal-impenji fuq dawk il-kaxxi tan-naħal kif ipprovdut fl-ewwel paragrafu tal-punt 4.

F'każijiet fejn waqt OTSC u/jew kontrolli amministrattivi jiġi determinat li kien hemm xi tbagħbis fl-identifikazzjoni tal-kaxxi tan-naħal u/jew tkun ipprovduta evidenza falza, dan għandu jitqies mill-ARPA bħala ksur serju, l-impenn kollu għandu jkun u il-fondi kollha riċevuti taħt dak l-impenn għandhom jiġu rkuprati mill-ARPA u l-bidwi għandu jiġi eskluż mil-iskema fis-sena tas-sejba u fis-sena tat-talba li jmiss.

Għal AECC 6 f'każijiet ta' diskrepanzi sinifikanti (aktar minn 5%) enfasizzati mill-VRD f'termini tal-ammont ta' rjus maqtula, dan għandu jitqies mill-ARPA bħala ksur serju u m'għandu jinħareġ ebda ħlas għas-Sena kollha tat-Talba; Il-kuntratt għandu jiġi tterminat u l-bidwi għandu jiġi eskluż milli japplika għall-iskema fis-sena tas-sejba u s-sena tat-talba li jmiss;

## RKUPRU TA' PAGAMENTI MHUX DOVUTI BL-IMGĦAX

L-ARPA ser titlob l-irkupru mill-benefiċjarju ta' kwalunkwe pagament mhux dovut wara li sseħħ irregolarità jew negliġenza. L-ammonti korrispondenti ser jiġu rreġistrati meta ssir it-talba għall-irkupru fil-ledger tad-debituri tal-aġenzija li tħallas.

L-ARPA għandha tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha u tieħu kwalunkwe miżura neċessarja biex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-interessi finanzjarji tal-Komunità b'mod partikolari biex:

- Tipprevjeni u ssegwi l-irregolaritajiet.
- Tirkupra pagamenti mhux dovuti bl-imgħax u tiftaħ proċeduri legali għal dak il-għan kif meħtieġ.

Ir-rikonoxximent tad-djun bħala Irregolarità għandu jseħħ fil-perjodi ta' żmien stipulati msemmija fir-Regolamenti tal-Kummissjoni rispettivi. Wara r-rikonoxximent tad-djun, l-ARPA hija obbligata li tirkupra l-ammonti dovuti sew permezz ta' Tpaċija jew Pagament il-bank. Sabiex ikun konformi mal-Liġi Nazzjonali, peress li d-dejn jeħtieġ li jitqies bħala ċert, likwidu u dovut, id-debitur irid jaċċetta d-dejn. Imbagħad, l-ARPA se tkun tista' tpaċi kwalunkwe dejn pendenti tad-debitur kontra kwalunkwe pagament futur li jrid isir lilu. Id-debitur jista' jagħżel li jħallas id-dejn billi jagħmel Pagament il-Bank, billi jħallas id-dejn tiegħu direttament fil-kont tal-bank tal-Irregolaritajiet tal-ARPA. Tinħareġ irċevuta għal kwalunkwe ammont irkuprat. Jekk id-dejn ma jiġi rkuprat fi żmien il-perjodu stipulat mill-Ewwel Ittra ta' Notifika, mela l-ARPA mbagħad tapplika r-rati tal-imgħax kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni u l-Liġijiet ta' Malta.

Sakemm l-Atti ta' Implimentazzjoni u l-atti delegati li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tas-sistema tal-penalitajiet għall-kundizzjonalità jkunu għadhom mhux finalizzati, il-mekkaniżmu ta' hawn fuq huwa soġġett li jinbidel skont id-dispożizzjonijiet eventwali ta' tali test legali.

Anness I – Traċċabbiltà tal-Bhejjem (Mudell)

Isem:______________________________

I.D:__________________________________

Sena:__________[1]

Speċi (immarka fejn applikabbli):

___ Tiġieġa Sewda Maltija

| **Nru tal-ID ta' Ċomba/Anell/Microchip** | **M** | **F[2]** |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |
| | | |

Anness 2 – Rekord tat-Tilqim: Tiġieġa Sewda Maltija (Mudell)

Isem:____________________________

I.D:______________________________

Sena:__________[3]

[1] Din il-formola trid timtela darba biss u għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ, ir-rekords preċedenti kollha jridu jinżammu.
[2] Ġeneru; immarka fejn applikabbli
[3] Din il-formola trid timtela kull sena għal kwalunkwe unità addizzjonali miżjuda mal-popolazzjoni tas-sena preċedenti u r-rekords tas-sena (snin) preċedenti kollha jridu jinżammu.

| Nru tal-ID ta' Ċomba/Anell/Microchip | ND | MD | GD | ND (2) | IB | IL | AP | ND (3) | IB (2) | AL | GD (2) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | |

ND: Marda ta' Newcastle
MD: Marda ta' Marek

GD: Marda ta' Gumboro
ND 2: Marda ta' Newcastle, it-tieni tilqima
IB: Bronkite Infettiva
IL: Laryngotrachetis Infettiva
AP: Ġidri tat-Tjur
ND 3: Marda ta' Newcastle, it-tielet tilqima
IB (it-tieni): Bronkite Infettiva, it-tieni tilqima
AL: Laryngotrachetis tat-Tjur
GD (it-tieni): Marda ta' Gumboro, it-tieni tilqima

Anness III – Lista ta' speċi tas-siġar eliġibbli taħt AECC 2

## **Lista ta' siġar mhux produttivi**

| **Isem xjentifiku** | **Isem Malti** | **Isem Ingliż** |
|---|---|---|
| Acer monspessulanum | l-aġġru; l-aċer | Montpellier Maple |

| | | |
|---|---|---|
| Alnus glutinosa | l-alnu | Black Alder; European Alder; Common Alder |
| Anagyris foetida | il-fula tal-klieb | Bean Trefoil Tree; Mediterranean |
| Atriplex halimus | il-bjanka | Salt Bush |
| Betula pendula | il-betula | Silver Birch; Warty Birch; European |
| Calicotome villosa s.l. | il-ġenista tax-xewk | Spiny Broom |
| Carpinus orientalis | il-karpin | Oriental Hornbeam |
| Celtis australis | il-buglar, iċ-ċeltis | Nettle Tree |
| Cercis siliquastrum | is-siġra ta' Ġuda; il-ħarrub ta' Ġuda | Judas Tree; Mediterranean Redbud |
| Chamaerops humilis | il-ġummara | Dwarf Fan Palm |
| Cupressus sempervirens | iċ-ċipress | Italian Cypress |
| Darniella melitensis (= Salsola melitensis) | ix-xebb; is-siġra tal-irmied | Maltese Salt Tree |
| Ephedra fragilis | l-efedra | Shrubby Horsetail; Joint Pine |
| Erica multiflora | l-erika; is-sagħtar l-aħmar; is-savina; leħjet ix-xiħ | Mediterranean Heath Garrigue and phrygana shrub |
| Euonymus europaeus | il-fużanja; l-evonimu | European Spindle; Common Spindle |
| Euphorbia dendroides | it-tengħud tas-siġra | Tree Spurge |
| Euphorbia melitensis | it-tengħud tax-xagħri | Maltese Spurge |
| Fagus sylvatic | is-siġra tal-fagu | European Beech |
| Fraxinus angustifolia | il-fraxxnu; is-siġar tal-paċenzja | Narrow-Leaved Ash |
| Juniperus macrocarpa | Il-ġniepru x-xewwieki | Mediterranean Prickly Juniper |
| Juniperus oxycedrus | Il-ġniepru x-xewwieki | Prickly Juniper; Prickly Cedar; Cade Juniper |
| Juniperus turbinata | il-ġnibru; il-ġniepru; l-għargħar | Southern Phoenician Juniper |
| Laurus nobilis | ir-randa | Bay Laurel; Sweet Bay |
| Lycium europaeum | l-għawseġ | European Tea-Tree; European Boxthorn |
| Lycium intricatum | l-għawseġ selvaġġ | Mediterranean Tea-Tree; Mediterranean Boxthorn |
| Lycium schweinfurthii | l-għawseġ selvaġġ | Southern Tea-Tree; Southern Boxthorn |
| Myrtus communis subsp. communis | ir-riħan | Myrtle |
| Nerium oleander | id-difla; siġret il-ġarab; siġret il-bass; issiġar tal-wirdien, l-oleandru | Oleander |
| Olea oleaster | iż-żebbuġ selvaġġ | Wild Olive |
| Ostrya carpinifolia | il-karpin falz; l-ostrijà | Hop Hornbeam |
| Paliurus spina-christi | ix-xewk tal-kuruna; Ix-xewk ta' kristu | Christ's Thorn Tree; Jerusalem Thorn |
| Periploca angustifolia (= Periploca laevigata subsp. angustifolia | siġret il-ħarir | African Wolfsbane |
| Phillyrea angustifolia | il-fillirja | Narrow-Leaved Mock Privet |

| | | |
|---|---|---|
| Phillyrea latifolia | l-olivastru; il-fillirja l-kbira | Mock Privet; Jasmine Box |
| Phillyrea media | l-olivastru; il-fillirja ż-żgħira | Lesser Mock Privet |
| Pinus halepensis | iż-żnuber; is-siġra tal-prinjol; si-siġra tal-arżnu | Aleppo Pine; Jerusalem Pine |
| Pinus pinaster | iż-żnuber tal-baħar; iż-żnuber tax-xatt; il-prinjol tal-ġwienaħ | Maritime Pine; Cluster Pine |
| Pistacia lentiscus | id-deru; Id-delu | Lentisk; Mastic Tree |
| Pistacia terebinthus | il-botna; l-iskornabekk; is-siġar tatturpentina; it-trementina; is-siġar talfosdoq; it-terebintu | Terebinth; Turpentine Tree |
| Pistacia x saportae | id-deru l-bagħal | Hybird Mastic Tree |
| Platanus orientalis | id-dolf; id-dorf; id-dolb | Oriental Plane Tree |
| Populus alba | il-luqa; is-siġar taċ-ċopp | White Poplar |
| Quercus calliprinos | il-balluta x-xewwikija | Palestine Oak; Eastern Kermes Oak |
| Quercus cerris | ir-ruvlu; il-balluta l-ħorfija | Turkey Oak; Austrian Oak |
| Quercus coccifera s.l. | il-balluta x-xewwikija | Kermes Oak |
| Quercus gussonei | ir-ruvlu; il-balluta l-ħorfija | Gussone’s Oak |
| Quercus ilex | il-balluta; is-siġar tal-ġandar | Holm Oak; Evergreen Oak |
| Quercus petraea s.l. | ir-ruvlu; il-balluta l-ħorfija | Sessile Oak; Cornish Oak; Durmast Oak |
| Quercus pubescens s.l. | il-balluta l-muswafa ; ir-ruvlu | Downy Oak; Pubsecent Oak |
| Quercus robur | il-balluta ingliża; is-siġra tar-ruvlu | Pedunculate Oak; English Oak |
| Quercus suber | is-siġra tas-sufra; il-ballut tas-sufra | Cork Oak |
| Retama raetam s.l. | il-ġenista l-bajda; il-ġenista tar-ramel; ir-retama | Bridal Broom; White Weeping Broom |
| Rhamnus alaternus | l-alaternu | Mediterranean Buckthorn |
| Rhamnus oleoides (= Rhamnus lycioides subsp. oleoides) | iż-żiju | Lesser Buckthorn; Olive-Leaved Buckthorn |
| Rhus coriari | ix-xumakk tal-konz | Common Sumach |
| Salix alba s.l. | iż-żafżafa; iż-żafżafa l-kbira; iż-żafżafa l-bajda | White Willow |
| Salix pedicellata | iż-żafżafa ż-żgħira | Mediterranean Willow |
| Sambucus ebulus | in-nittiena; is-sebuqa s-selvaġġa; is-sambuka s-selvaġġa | Dwarf Elder |
| Sambucus nigra | is-sambuka; is-sebuqa l-kbira | Common Elder |
| Searsia pentaphylla (= Rhus pentaphylla) | It-tiżra; il-kunzatura; ix-xumakk talkonz | Tizra Tree |
| Sorbus aucuparia | iż-żorba s-selvaġġa | Rowan; Mountain Ash |
| Sorbus domestica | iż-żorba | Service Tree |
| Spartium junceum | il-genista s-safra | Spanish Broom |
| Tamarix africana | il-bruka; it-tarfa | Tamarisks |

| | | |
|---|---|---|
| Tetraclinis articulata | l-għargħar | Arar tree; Sandarac Gum Tree; Mediterranean Alerce; Barbary ArborVitae |
| Tilia platyphyllos | It-tilja | Lime Tree |
| Ulmus canescens (= Ulmus minor subsp. canescens) | in-nemmiesa; is-siġar tan-nemus; l-ulmu; l-ulmu ta' Malta | Hoary Elm; Grey-Leaved Elm |
| Viburnum tinus | il-meruna; il-viburnu | Laurustinus |
| Vitex agnus-castus | l-għadiba; il-virgi; il-bżar tal-patrijiet; lgħadbiera; is-siġar tal-virgi | Chaste Tree; Virgin Bush |

Anness IV – Rekord tal-Applikazzjoni tal-Fertilizzanti (Mudell)[4]

Isem u Kunjom:____________________________

Numru tal-karta tal-identità:_______________________________

**Nota**: Il-firma tal-Applikant trid tiġi inkluża fl-aħħar tad-dokument.

[4] Il-biċċa l-kbira tad-*data* tista' tinkiseb mill-FP tal-bdiewa

**Xiri u Trasport ta' Demel**

| **Tip ta' demel** (eż. Nagħaġ) | **Data ta' meta nxtara** | **Data ta' meta ġie applikat** | **Kwantità** (Kilos) | **Isem u kunjom, u indirizz ta' minn fejn ġie prodott id-demel** | **Isem u kunjom, u reġistrazzjoni tal-vettura li ġarret id-demel** | **Numru tal-għalqa** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |
| | | | | | | |

Rekords tax-xahar/xhur:____________________________tas-sena_________________Paġna: ____

**Xiri u Trasport ta' Demel**

**Nota**: Il-firma tal-Applikant trid tiġi inkluża fl-aħħar tad-dokument.

| **Tip ta' fertilizzant artifiċjali** | **Data ta' meta nxtara** | **Data ta' meta ġie applikat** | **Kwantità** (Kilos/Litri) | **Valur tal-NPK** | | | **Numru tal-għalqa** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |
| | | | | **(N)** Nitroġenu | **(P)** Fosfru: | **(K)** Potassju | |

Anness V: Pjan tal-moviment ta' kaxxi għan-naħal[5]

Isem:_____________________________
Numru tal-Karta tal-Identità: ________________________
Pjan għas-sena _______________________

| **Nru tal-għalqa oriġinali** | **Nru tal-għalqa il-ġdida bħala riżultat tal-moviment propost** | **Data ta' meta se jitmexxew** | **Numru ta' kaxxi għan-naħal li se jitmexxew** |
|---|---|---|---|

[5] Qabel ma jitmexxew il-kaxxi għan-naħal, dawk li jrabbu n-naħal jeħtieġu javżaw lill-ARPA f'każ li movimenti mhumiex innotifikati b'din il-formola

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

Anness VI – Rekords tal-Kaxxi għan-Naħal (Mudell)

Isem:______________________________

I.D:__________________________________

Sena:___________[6]

| **Numru tal-Kaxxa** | **Post tal-Kaxxa għall-appoġġ[7]** |
|---|---|

[7] Il-persuna li trabbi n-naħal trid tindika b'mod ċar liema hija l-għalqa ta' referenza (minbarra li

| | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

telenka n-numri tal- għelieqi kollha assoċjati mal-AECC)

Kofinanzjat
mill-Unjoni Ewropea